# WIRJA TAL-ĠIMGHA MQADDSA

FIS-SEDE TAL-GHAQDA KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D.1851

# 2017




attrans.com
ATTRANS
International Transport
40
1976 2016
40 Years of Service
Groupage & Full Load Movements, Freight Forwarding, Temperature Controlled Logistics & Car Transport Services.
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
ATTRANS
Attrans Malta,
telephone. (+356) 2258 5500
email. info@attrans.com
facebook.com/attrans
Offices in Malta - Italy - Netherlands


WB
White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL. (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com

vertibus
lifts • escalators

Advent Lifts Services Ltd

# MANUFACTURING LIFTS AROUND YOUR NEEDS

SUPPLY AND INSTALLATION OF:

- Panoramic Lifts
- Platform Lifts
- Parking Systems
- Dumbwaiters
- Escalators
- Hydraulic Lifts
- Traction Lifts
- Goods Lifts
- Car Lifts
- Commercial Lifts
- Home Lifts
- Industrial Lifts
- Reduced Pit
- Low Headroom
- Steel Structures
- Maintenance



Address:
Malta

General Enquiries:
2248 7100

Sales and Installations:
2248 7123 / 5

Repairs and Maintenance:
2248 7122

enquiries@adventliftsltd.com
www.adventliftsltd.com

BNI

MORIS
OFFICIAL AGENT

## SUPPLIERS OF

ADVENT RETAIL
lift parts & electrical components

Providing electrical parts to the industrial sector and also lift parts for the local and foreign market.




## OUR BRANDS

finder

ELMARK

General Enquiries:
7944 4197

Sales and Installations:
sales@advent-retail.com

Find us on

# Messaġġ minn Dr Philip Sciortino



*President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851*

Għal darba oħra is-Soċjeta tagħna daħlet għal impenn li jġibu magħhom il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Minbarra it-tifsira spiritwali dawn il-jiem huma ukoll minsuġa ma drawwiet soċjali u folkloristiċi. Għakemm it-tifsira spiritwali saret aktar u aktar internalizzata, il-poplu Malti xorta waħda bi ħġaru jattendi għall-funzjonijiet reliġjużi u daqstant ieħor għal manifestazzjoniet oħra bħal purċissjoniet u wirjiet.
Mingħajr dubju jekk għall-komunita tagħna il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid huma tant importanti ma jonqosx li s-Soċjeta tagħna tagħti s-sehem tagħha għal dan il-prodott unikament Żebbuġi.
Iż-żgħażgħ tagħna flimkien mal-membri aktar anzjani itellgħu il-Wirja famuża taċ-Ċenaklu, il-Golgota u id-Difna. Wieħed jibqa impressjonat kemm dawn jinvolvu xogħol lis-sezzjonijiet kollha. Minbarra il-wirja kull sena intellgħu serata li fiha tindaqq mużika addattata mill-Bandisti żgħażagħ tagħna u jsir diskors akkademiku fuq tema partikolari ukoll. Din is-Sena se jkollna lis-Sinjura Marlene Mifsud Chircop mill-Mosta li hija riċerkatriċi tal-folklor, għalliema, studjuża ta' l-istejjer popolari u traduttriċi. Hi studjat fl-Universita ta' Malta taħt il-ħarsien tal-folklorista ewlieni Malti Ġużè Cassar Pullicino u wara taħt żewġha, illum nieqes, l-antropologu tal-folklor Ġorġ Mifsud Chircop. Hi ippoduċiet ma oħrajn numru ta' dokumentarji kulturali u regolarment tieħu sehem bħala qarrejja u interpretu f'diversi attivitajiet kulturali. Marlene hi ukoll kontributriċi ta' artikli akkademiċi dwar il-folklor u l-għana Malti f'diversi konferenzi f'Malta u barra minn xtutna.
Dan l-isforz ta' din l-Għaqda hu marbut mal-missjoni ewlenija tagħha li permezz ta' dawn l-okkażżjoniet l-identita unika ta' din il-komunita tkompli titkabbar u tingħata l-vuċi li tant jixilqilha. Nirrigrazzja lil dawn il-voluntiera u lill-pubbliku ġenerali li tant insibu appoġġ minnu.

# Il-Ġimgħa l-Kbira: it-Tbatija ta' Kristu, it-Tbatija Tagħna



*Fr. Philip Cutajar, Kapuċċin*
*Direttur Spiritwali – Każin Banda San Filep*

**X'Sens fiha t-tbatija?**
U aktar minn hekk, x'valur fiha t-tbatija ? Nistgħu ngħidu lit-tbatija hija valur? Forsi mhix kontradizzjoni li nsejħu t-tbatija valur ? Is-suġġett tat-tbatija, f'kull żmien, qajjem ħafna mistoqsijiet li forsi ma nstabitx tweġiba għalihom, u jekk xi wħud mill-mistoqsijiet kellhom tweġiba, jibqa' l-fatt, li r-realtà tat-tbatija iġġorr magħha dak l-element misterjuż. Huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu lit-tbatija teżisti fil-ħajja. Jiġu waqtiet fejn ma tifhem xejn. Tħares 'l fuq u ħlief sħab iswed ma tarax. Tħoss ħafna wġigħ u f'qalbek titwieled mistoqsija serja ħafna: imma għaliex? Fejn qiegħed Alla f'dan kollu? Kif jista' jkun li ma jagħmel xejn u jibqa' hemm kwiet fis-sema? *(ikompli f'paġna )*

colour



*Mro Michael Ciantar jidderieġi l-Banda taż-Żgħażagħ*



*Dr Farrugia jiftaħ il-wirja u ħdejh mix-xellug Jonathan Agius, Josef Cachia, Dun Mario Sammut, John Scerri, Dr Philip Sciortino u Rosario Magri.*



**Il-Protagonisti fil-ftuħ tal-wirjiet tal-2016**

Fuq: Il-compere Graziella Attard, John Scerri, Dun Mario Sammut li bierek il-wirja, Dr Philip Sciortino, President tal-Għaqda Każin Banda San Filep u l-mistieden tal-unur l-Onor Dr Godfrey Farrugia.

Taħt mix-xellug: Eman Bonnici li għamel id-diskors prinċipali tal-okkażjoni, Martina Tabone li qrat poeżiji u Philip Balzan li introduċa s-serata tal-ftuħ.







# Programm tal-Ftuħ
## tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa
## fil-Każin Banda San Filep

Tippresiedi l-Onor Dr Helena Dalli
Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili

Bis-sehem tal-Banda taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep
taħt id-direzzjoni tal-Assistent surmast Mro Michael Ciantar

L-Erbgħa 5 ta' April 2017

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv**
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep:**
  - **Il Silenzio** (Trumpet Solo - Elena Gatt) — Nini Rosso
    (tindaqq wara minuta silenzju ad Unur ta' Dr Oliver Gulia, Piju Cilia u Salvu Chetcuti)
  - **Chorale and Canon** — *Anne Mc Ginty*
  - **Fanfare for a New World** — *arr Larry Neeck*
- **Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ fl-1928**
- **Taħdita:** 'Ir-ritwal fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira'
  **Marlene Mifsud Chircop**, riċerkatriċi tal-folklor Malti

- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep:**
  - **Mystic Visions** — Ed Huckeby
  - **Dona Nobis Pacem** — Melodija tradizzjonali
  - **Remembrance** (Marcia Funebre) — Garofalo

- **Diskorsi tal-Okkażjoni:**
  - **Dr Helena Dalli** Ministru
  - **Dr Philip Sciortino,** President tal-Għaqda Banda San Filep AD1851
- **Inawgurazzjoni tal-wirja** mill-Ministru Helena Dalli u
- **Tberik** minn Rev Blake Camilleri, viċi-arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ

Compere: Graziella Attard

Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Mro Richard Bugeja
takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ
mill-Parroċċa ta' San Filep nhar il-Ġimgħa 14 ta' April 2017.

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa
## Fil-Każin Banda San Filep, 12, Misraħ San Filep

Wirja mżewqa b'xogħlijiet artistiċi tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u ta' Antonio Mifsud u b'effetti viżivi, akkumpanjati b'kummentarji nformattivi, iddisinjati u mtellgħin b'mod professjonali. Il-wirja qiegħda f'bini wieħed, imma d-dħul għat-taqsimiet tagħha huma minn Triq Sciortino u wkoll minn Misraħ San Filep. Il-wirja hija mqassma hekk:

*Dħul minn Triq Sciortino:*

1. **Iċ-Ċenaklu** *(ambjentata f'kantina antika)*
2. **Il-Kruċifissjoni** *(xena kbira f'sala fis-sular ta' fuq)*

*Dħul mill-kantina ta' 12,Misraħ San Filep:*

3. **Id-Difna** *(ambjentata f'xelter tal-gwerra taħt l-art)*
4. **Sett ta' xeni mill-Via Crucis** *(alto-riljevi)*
5. **Il-Qawmien** (awdjo-viżiva)

*L-istatwi lifesize fl-ewwel tlett taqsimiet huma xogħol*
*il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi waqt li l-alto-riljev inħadmu mill-artist Antomio Mifsud.*

**Dati u ħinijiet tal-ftuħ:**
**mill-Ħamis 6 sal-Ġimgħa 14 ta' April 2017**

- kuljum mill-17.30 sa l-20.30
- Ħadd il-Palm (9/4/17) mid-9.00am sa 12.00 u mill-17.30 sat-20.30
- nhar Ħamis ix-Xirka (13/4/17) mid-9.00am sa 15.00 u mill-17.30 sal-23.00
- nhar il-Ġimgħa l-Kbira mid-9:00 sas-13:00 u mill-16:00 sal-22:00.

colour


Digit Line
Home Appliances, House Hold Goods,
Sound & Vision, Garden Furniture,
Loose Furniture, Bar-B-Ques, Air Conditioners
ONLY THE BEST BRANDS
KENWOOD
ZANUSSI
Indesit
SAMSUNG
morphy richards
tescoma
... and more
Digit Line
F Farrugia Street, Zebbug
Tel/ Fax: 2146 4329
Email: tantimp@waldonet.net.mt



Gwerer u qtil ta' tant nies bla ħtija minħabba l-ġenn ta' wieħed. Mard u l-pjaga tal-ġuħ. Inġustizzji. Issib ruħek minsi minn kulħadd, qisu ħadd ma jagħti kasek, lanqas dak li ħalqek. Titlef is-sens tal-ħajja... thoss lil Alla tant il-bogħod.... Tifel ta' seba' snin li ttajru karozza f'inċident stupidu bla sens.

**Alla jagħmel użu mit-tbatija tagħna**

Xejn ma jsir għalxejn, *everything happens for a reason*! Probabilment dawn il-frażijiet smajniehom kemm il-darba f'ħajjietna. Għal xi raguni, dawn jassigurawna li tkun xi tkun l-esperjenza, għandha tifsira partikolari – anke jekk din ma nifmuhiex dejjem. Bħala Kristjani, nistgħu ngħidu li " kollox isir skont ir-rieda t'Alla". Il-fidi tagħna fil-providenza tiegħu twassal għal kollox għat-tajjeb – twassalna biex naraw lil Alla bħala dak l-artist divin li juża l-esperjenza tagħna biex inaqqax minna kapolavur qaddis.

Imma kif tidħol it-tbatija tagħna f'dan il-proċess? Hija parti mill-pjan t'Alla għalina? Bħal Ġob, aħna nfittxu raġuni għat-tbatija tagħna u ħafna drabi nippruvaw insibulha l-post fir-rieda t'Alla. Dan iġibna f'diffikulta1 biex nifhmu kif Alla huwa fuq in-naħa tal-vittma meta nħossu li kien hu stess li beda jew ħalla xi katastrofu jsseħħ mingħajr ma intervjena biex jiġi evitat. Din l-għajta tal-"għaliex teżiżti t-tbatija?"

mhix xi mistoqsija ħażina jew żbaljata, imma ħafna nies iħossuhom ħatja meta jagħmlu mistoqsija għall-affarijiet ħżiena li jiġru. Jaħsbu li huwa nuqqas ta' fidi għax tesprimi l-karba tiegħek lil Alla u tgħidlu "għaliex"? quddiem il-misteru tat-tbatija irridu nħossuna kunfidenti m'Alla u din l-attitudni tressaqna ħafna lejn il-verita` li, iva it-tbatija fiha skop, anke jekk issa f'dan il-mument ma nista' nifhem xejn.

**Wara t-tbatija, l-glorja**

- Fi tmiem it-triq, ma hemmx triq...imma id-destinazzjoni tagħna.
- Fi tmiem it-telgħa, ma hemmx telgħa...imma il-quċċata.
- Fi tmiem il-lejl, ma hemmx il-lejl...imma iż-żerniq.
- Fi tmiem ix-xitwa, ma hemmx xitwa...imma r-rebbiegħa.
- Fi tmiem il-mewt, ma hemmx mewt...imma l-ħajja.
- Fi tmiem it-tempesta, ma hemmx tempesta...imma bnazzi.
- Fi tmiem in-niket, ma hemmx niket...imma tama.
- Fi tmiem it-tbatija, ma hemmx tbatija...imma glorja

Fi tmiem il-prova, ma hemmx prova... imma premju. Wara l-Kalvarju hemm l-Għid il-Kbir!

**Il-Għid it-Tajjeb lil kulħadd!**


**BAR TAL-KAŻIN BANDA SAN FILEP**

*joffri xarbiet u appetizers ġenwini kif ukoll ikliet kompluti f'post komdu u f'atmosfera ta' ħbiberija.*

Larken u Darren Farrugia (Laċmen)
Il-barmen il-ġodda jistednukom iżżuruhom
Ċemplu 99254716 / 79258738

**Kiri ta' Siġġijiet**

Agħmel bħalma jagħmlu ħafna:
ibbukkja siġġu
mill-bar tal-Każin San Filep
u gawdi l-purċissjoni
tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ
bilqegħda.

# Il-Liżar ta' Kristu f'Turin

*Br. Reno Muscat O.P.*

"Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f' liżar nadif" (Mt 27. 59). Kemm-il darba smajnieha din il-frażi mill-evanġelju ta' San Mattew, l-aktar fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Nemmen li lkoll xi darba jew oħra smajna bil-liżar li jinsab ġewwa l-belt ta' Turin li jingħad li huwa l-istess liżar li Ġużeppi minn Arimatea keffen il-ġisem ta' Kristu mejjet fih. Mhux kulħadd jaqbel ma' dan. Dan in-nuqqas ta' qbil mhux xi ħaġa tal-lum imma kien argument ta' dibattitu u kontroversji matul is-snin. Dawn il-kontroversji kienu jqumu l-aktar minħabba l-fatt li relikwi simili bħal dan ta' Turin kienu jinstabu fost oħrajn f'Besanċon, Cadouin, Champiègne u Xabregas. Imma jibqa' dejjem il-fatt li l-liżar ta' Turin kien l-aktar wieħed famuż.



*Il-kappella fejn jinsab il-lizar bħalissa sakemm jitlesa ir-restawr tal-post proprju tiegħu.*

Id-dokumentazjoni li titratta dan il-liżar tista' titqies awtentika biss min-nofs is-seklu XIV 'l quddiem, madanakollu it-tiftix storiku, xjentifiku, ikonografiku u arkeologiku jgħina nibnu l-istorja ta' dan il-liżar kemm jista' jkun korretta. Fis-sena 544 fil-belt ta' Edessa, li llum hija Urfa fit-Turkija, kienet tinstab immagini straordinarja "mhux magħmula bl-idejn". Bosta esperti jqisu li din id-deskrizzjoni tirreferi għall-liżar. Tajjeb ngħidu li f' dak iż-żmien il-liżar kien mitwi b' mod li l-wiċċ biss kien jidher. Fis-sena 944 din ix-xbieha kienet meħuda Kostantinopoli, fejn għall-ewwel darba nsibu riferenzi għall-liżar li fih tkeffen Kristu. Fl-1204 il-kavallier Robert de Clari kiteb li fl-assedju ta' Kostantinopoli sparixxiet mill-belt sakemm fl-1353 dan il-liżar instab ġewwa Lirey, fi Franza, għand Geoffrey de Charny. Sewwa sew mitt sena wara, Margaret de Charney ċediet din ir-relikwa lid-Duka Luwigi I ta' Savoja, li huwa żamm f' Chambéry. Fl-1506 il-Papa Ġulju II awtorizza il-venrazzjoni tal-liżar. Kien l-4 ta' Diċembru, 1531 meta nar qawwi ħakem il-kappella ta' Chambéry, propju fejn kien jinsab il-liżar, magħluq f' kaxxa tal-fidda. In-nar tant kien qawwi li dewweb xi ftit mill-fidda tal-kaxxa, tant li taqtira fidda waqgħet fuq il-liżar, li kien mitwi, u taqbitu, sentejn wara is-sorijiet ta' l-istess




BOV PERSONAL LOANS

2131 2020 | bov.com

BOV
Bank of Valletta

Express
Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**

belt raqqgħu it-toqob li din it-taqtira fidda kienet għamlet fil-liżar.

Kien Emanuele Filiberto ta' Savoja li ħa l-liżar minn Franza għall-Italja, propjament f' Turin fl-1578. Fl-1694 il-liżar kien imqiegħed fil-kappella tal-palazz irjali iddisinjata mill-abbati Guarino Guarini. Kien fl-1898 li inġibed l-ewwel ritratt tal-liżar minn Secondo Pia u fl-1973, sewwa sew fit-23 ta' Novembru, deher għall-ewwel darba fuq it-televiżjoni. L-istudji xjentifiċi baqgħu dejjem għaddejjin u fl-1988 ittieħdet parti mil-liżar għal aktar stħarriġ fuqu.

Il-kappella li kien fiha kellha bżonn ta' restawr u fl-24 ta' Frar, 1993 il-liżar sab ruħu fuq l-altar maġġur tal-katidral ta' Turin, ftit qabel dan ir-restawr kien lest, bejn il-11 u t-12 ta' April, 1997 il-kappella tal-liżar inħakkmet min-nirien qawwija. Il-pumpiera ta' Turin irnexxielhom isalvaw il-liżar min-nirien u jumejn wara il-kummissjoni responsabbli mill-liżar iddikjarat li l-ebda ħsara ma kienet saritlu.



*Nofs il-liżar fejn tidher il-parti ta' quddiem tal-ġisem imkeffen*

Minkejja li l-liżar jinstab f' Turin, il-propjetà tiegħu hija tas-Santa Sede u huwa l-Papa li jiddeċiedi meta din ir-relikwa tkun għall-wiri. F' għeluq il-mitt sena minn l-ewwel ritratt tiegħu, jiġifieri fl-1998 saret espożizjoni u sentejn wara il-Papa Ġwanni Pawlu II iddeċieda li jerġa jkun espost sabiex ikun parti miċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir. Fl-2002 sar xogħol ta' restawr fuq il-liżar. L-irqajja li kienu saru mis-sorijiet fl-1534 tneħħew u saret speċi ta' nforra fuq wara tal-liżar. Bħalissa għaddej xogħol ta' restawr fil-kappella li ħadet in-nar fl-1997 u għalhekk il-liżar jinstab mal-ġenb, sewwa sew taħt il-post tar-re ta' Savoja, fil-katidral ta' Turin. Hija xewqa ta' bosta li l-liżar jerġa jkun espost ladarba r-restawr ikun lest, imma din il-ħaġa hija biss f' idejn il-Vatikan.



Il-bank tiegħek
fil-qalb tal-komunità

hsbc.com.mt

HSBC

# Paul
Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

# THE ROSE SHOP

*24 Hours Delivery*
*Service 7 days a week*

New Street, Qormi
Tel 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696



Il-liżar huwa twil 4.2 metri b' metru punt tlieta wisa'. In-nisġa tiegħu fiha għamla tax-xewket il-ħuta, nisġa popolari Palestinjana ta' madwar elfejn sena ilu. Kif għidna aktar qabel kien fl-1898 li dan il-liżar kien iffotografat mill-avukat Secondo Pia, mill-belt qrib Turin, Asti. Fil-proċess ta' l-iżviluppar ta' dan ir-ritratt instab li n-negattiva turi sewwa l-persuna li kienet imkeffna fil-liżar. Jiġifieri n-negattiva turi r-ritratt u l-liżar jidher bħala negattiva (ma nafx jekk fhimtux eżatt!!) Fin-negattiva dehret sew il-figura ta' raġel.



*Partikolar tal-liżar fejn jidhru l-marki ta' l-imsiemer fil-polz.*

Fil-liżar insibu erba' traċċi, jew marki jew tbajja differenti : żewġ linji dritti it-tul kollu tal-liżar u 29 toqba magħmulin mit-taqtira fidda li waqgħet fuqu fl-1532. Jinstabu wkoll marki ta' l-ilma li intuża biex jintefa l-istess nar. Marka oħra hija x-xbieha umana, minn quddiem u minn wara, il-bniedem jidher mimdud għat-tul tal-liżar. Hawn l-effetti huma differenti. Il-moħħ, l-imnieħer, il-ġeddum u s-sider jidhru aktar skuri, filwaqt li partijiet oħra huma aktar ċari. It-tul tal-persuna huwa ta' madwar 170 ċentimetru. L-aħħar forma ta' tbajja huma dawk tad-demm, bħal dawk ta' fuq ir-ras, l-għonq, il-polz, ir-riġlejn u l-kustat. Hawn it-tbajja huma ta' kulur differenti mill-bqija, huma aktarx ħamranin. Minn studji li saru instab li dawn huma tassew tbajja tad-demm.

L-istudji xjentifiċi li saru fuq dan il-liżar dawn l-aħħar mitt sena taw dawn ir-riżultati: Il-liżar m'huwiex impitter. Ma jistax ikun li dan sar minn xi persuna għax l-effett tan-negattiva tar-ritratt kien diġa' jinstab fuqu mijiet ta' snin qabel kienet ivvintata l-fotografija. It-tbajja saru minn ġisem uman mejjet, imma l-ebda traċċa ta' dekomposizjoni ma tinstab, dan iffisser li l-ġisem mejjet ma damx wisq imkeffen, lanqas biss iż-żmien li l-ġisem jibda jiddekomponi. It-toqob ta' l-imsiemer f' idejn ma jinstabux fil-pala ta' l-id imma fil-polz. Kuntrarjament għal dak li naraw fl-arti, it-tislib kien isir billi jissammru imsiemer fil-polz għax il-pala ta' l-id ma tiflaħx il-piż tal-ġisem. Kieku dan il-liżar kien xogħol ta' pittur, żgur li t-toqob ta' l-imsiemer kienu jsiru fil-pala ta' l-id kif dejjem saru fl-arti. L-idejn juru biss erbat iswaba. Dan għaliex meta l-musmar jgħaddi mil-polz, is-subgħa l-kbir jingħalaq. Id-demm u

# Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

## Caterers for all Functions

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**




l-ilma (serum) li jinstabu fil-parti tal-kustat huma tassew magħmulin minn ferita wara l-mewt ta' l-imsallab. Dan jaqbel perfettament ma' dak li nsibu fl-evanġelju skont San Ġwann li suldat nifidlu ġenbu b' lanza. L-eżamijiet li saru fuq il-liżar jindikaw li fuqu hemm traċċi ta' demm uman. Analiżi moderna sabet li r-ritratti tal-liżar fihom infushom huma tri-dimensjonali, ħaġa li ma tinstabx f'pittura jew ritratti oħrajn. Id-dettall tri-dimensjonali jgħina naraw detallji li ma narawhomx jekk mhux b'dan il-mod. Eżamijiet oħra sabu trab ta' ħxejjex u fjuri (pollen) li jikbru jew kienu jikbru fil-Palestina jew fil-lvant nofsani żmien twil ilu.

Minkejja dan kollu hemm oħrajn li jsostnu li dan il-liżar huwa impitter u huwa xogħol tas-seklu XV. Il carbon dating ma tantx jista' jagħti dawl ċar minħabba li fin-nar tal-1532 kien twaddab bosta ilma sabiex jintefa u l-fatt li l-liżar kien ixxarrab sew jista' jtellef lix-xjenzati. Il-bdil fil-kulur ukoll joħloq problema. Jekk kittieba tas-seklu XV isostnu li x-xbieha kienet hekk ħajja li d-demm kien jidher kważi frisk, kif allura fi ħmistax-il seklu r-relikwa baqgħet kważi dejjem l-istess, minkejja l-vjaġġi li għamlet u l-bidla fil-klima u f' dawn l-aħħar ħames mitt sena x-xbieha saret kważi inviżibbli?



*Partikolar tal-lizar fejn jidher il-wiċċ.*

Il-mistoqsija mhux faċli li tiġi mwieġba! Il-liżar ta' Kristu f' Turin huwa awtentiku? Żgur li mhux ha nkun jiena li nagħti din it-twegiba, imma il-ħsieb personali tiegħi huwa dan: Kemm-il darba dan il-liżar huwa l-istess wieħed li fih kien imkeffen Ġesu, huwa ħaġa għażiża u qaddisa għal kull nisrani. Mill-banda l-oħra jekk dan huwa xogħol ta' xi artist, li jekk inhu hekk kellu jkun tassew artist tajjeb, żgur ma sarx b' qerq imma sar biex iressaq lill-poplu lejn id-devozzjoni tal-kefen ta' Kristu.

**centre point.**
STATIONERY

FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS, TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING & LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES

VJAL IL-HELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL. 2146 1500

Find us on Facebook

**Buona Scarpa**

Shoes, Bags & luggage
Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug

Find us on Facebook!

21465790

*Vanity Fare*



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

109, Triq Frans Sammut
*(qabel magħrufa bħala Triq l-Isqof Caruana)*
Żebbuġ, Malta

*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

Find us on Facebook

# In-Nisa tal-Passjoni

*It-Tieni silta mill-ktieb*
*"The Women of the Passion"*
*ta' Kathleen Murphy, maqluba liberalment għall-Malti minn Philip Balzan*



**Is-Sefturi ta' Kajfas: żewġ nisa li sfidaw lil Pietru**

It-tieni mara, jew aħjar żewġ nisa li l-erba' Evanġelisti[1] jsemmu niltaqgħu magħhom fil-bitħa tal-palazz ta' Kajfas. Seftura li ma nafux x'jisimha resqet lejn Pietru u qaltlu " Inti wkoll kont ma Ġesù tal-Galilea". L-Evanġelisti kollha jsemmu dan l-inċident li jidher li ħalla effett qawwi fuq id-dixxipli ta' Ġesù. Pietru jidher bħala ġwejjed u dgħajjef imma fl-istess ħin uman. Kull min jisma' bit-tlett ċaħdiet ta' Pietru u jkun jaf kemm kienu qrib Pietru u Ġesù qabel din il-ġrajja jintebaħ bil-kuntrast bejn kemm Ġesù kien fidil lejn Pietru u kemm Pietru ma kienx lejn Ġesù. Il-Lhud li semgħu lill-Mattew jirrakkonta dan l-episodju malajr kienu jifhmu t-tifsira profonda tal-fatt li kienu tlieta ċ-ċaħdiet, kull waħda aktar soda minn ta' qabilha u li l-aħħar xhud kien raġel. Fil-kultura Lhudija, x-xhieda ta' mara ma kienetx titqies affidabbli, imma ta' raġel kienet titwemmen mill-ewwel[2].

Kelma spontanja ta' tfajla li ma kellha ebda pożizzjoni nfluwenti, b'xogħol meqjus mill-aktar baxx, li tiftaħ il-bieb, kellha ħila twerwer raġel li kien iqis ruħu li ma jibża minn xejn. Seftura umli beżżgħet lil Pietru u wasslitu jiċħad lil dak 'ħabibu' li kien ftit qabel kien ħalef li jiddefendiH b'ħajtu. Meta ruħu waħdu mingħajr il-wens ta' sħabu, Pietru ċeda. Kemm kien il-bagħod milli jsir il-blata soda li fuqha kellha tinbena l-knisja. Pietru kien dak li stqarr li Ġesù Hu Bin Alla, li kien magħżul biex jara t-trasfigurazzjoni u jisma l-leħen iħabbar lil Ġesù bħala "Ibni l-maħbub, Lilu isimgħu". L-Evanġelist kollha jsemmu wkoll l-istqarrija ta' lejaltà u mħabba dejjiema li għamel Pietru lil Ġesù. Min jaf kemm dawn l-istqarrijiet ta' Pietru kienu jimlew bil-kuraġġ



lill-ewwel insara li kienu qed ibatu persekuzzjoni! Allura kif kienu jinterpretaw dan l-episodju taċ-ċaħdiet ta' l-istess Pietru? Dawn l-insara kienu jisimgħu messaġġ ta' ħniena u maħfra, virtujiet li kienu jgħixuhom ta' kuljum.

Imma l-istorja ta' Pietru kienet tkompli. Wara l-ewwel mara ġiet it-tieni waħda li aktarx li marret tnajjar[3] il-ħuġġieġa. Aktarx kienet kburija li kienet taħdem f'dak il-palazz, u ta' seftura leali kienet attenta għal kullma jkun qed iseħħ hemm ġew biex tikseb tagħrif li jista' jkun tajjeb għal sidha. La darba Ġesù kien l-għadu ta' sidha allura kien l-għadu tagħha wkoll. U biex tagħqad fl-aħħar indaħal raġel li kien hemm jisma' u jara kollox. L-aħħar ċaħda saret b'qawwa li tħabbatha ma dik ta' meta Pietru kien sqarr il-lealtà tiegħu lejn Ġesù ftit jiem biss qabel. U mat-tielet ċaħda, idden is-serduq. Dan kien is-sinjal li fakkar lil Pietru f'dak li kien qallu Ġesù. U Pietru nidem u ħareġ minn hemm u mar jibqi u jitlob maħfra. B'hekk ta xhieda lil min jiżbalja u jkollu ħtieġa ta' maħfra. Dawk li jisimgħu din l-istorja ta' Pietru ma jistgħux ma jħossux li dak li ġara lilu jgħaddu minnu huma wkoll u allura jissaħħu fil-fidi tagħhom.

Fit-teoloġija Lhudija fuq l-apostasija jew ċaħda tal-fidi, ċahda privata ma kienetx serja daqs waħda pubblika waqt li ċaħda evasiva kienet inqas gravi minn waħda espliċita. L-Evanġelista Marku jibni bil-mod iċ-ċaħdiet ta' Pietru sakemm jasal għal waħda espliċita li allura kienet dnub serju. Imma l-aktar importanti kien il-fatt li Pietru għaraf li żbalja u nidem.

Dawn iż-żewġ nisa bla isem li ma kellhom ebda poter irnexxielhom ikissru u jumiljaw lil min kien jippretendi li hu l-akbar difensur ta' Ġesù. Irnexxielhom jikxfu d-djufija umana u tawna tagħlima li ħadd m'għandu garanzija fil-perseveranza tal-virtu. Hija grazzja li rridu nibżgħu għaliha kuljum. Dawn in-nisa wrew kemm il-kelma tista' tkun arma effettiva u kemm in-nisa jista' jkollhom poter anke jekk ma jkollhomx xi posizzjoni soċjali. Taw tagħlima li min jafdaw biss f'ħilithom u jimlew rashom fuq kemm huma nies tajbin.

## Riflessjonijiet

Bħal dawn is-sefturi ta Kajfas, aħna wkoll qegħdin fis-servizz ta' xi ħadd. Pietru kien dixxiplu ta' Ġesù. Aħna wkoll dixxipli. Mela aħna nistgħu npoġġu ruħna fiż-żewġ pożizzjonijiet. Imma qabel xejn irridu ngħarfu differenza kbira. M'aħniex impjegati u mħallsin bħalma kienu s-sefturi ta Kajfas. Fil-mgħamudija ntagħżilna biex inkunu membri fid-'dar t'Alla' biex nimxu fuq il-passi tal-qaddisin li ġew qabilna, biex inxandru l-aħbar it-tajba bil-mod kif ngħixu. U kif qed inġibu ruħna? Qegħdin noqgħodu bi kwietna meta naraw oħrajn isofru jew ikunu abbużati? Forsi qegħdin nippruvaw ngħixu tajjeb biss fi żmien ir-randan minflok tul ħajjitna kollha?

---

1 Mattew 26:69; Marku 14:66-72; Luqa 22:56-62; Ġwanni 18:25-27.

2 Xhieda ta' raġel wieħed kienet meqjusa aktar ta' min jafdha minn dik ta' qabda nisa.

3 Tieħu ħsieb in-nar.

# Żewġ Poeżiji ta' Rużar Briffa



## Tristis est Anima Mea

Fil-ħemda tal-Ġetsemani,
f'misteru ta' bil-lej',
kien waħdu,
waħdu,
waħdu
qed jitlob il-Feddej.

Ma sabx min jishar miegħu
u jaqsam id-diq tiegħu,
u waħdu,
waħdu
waħdu
beka bid-dmugħ tad-demm,
għax lemaħ it-traġedja
ta' Ġerusalemm.

U wara sallbuh,
u wara qatluh!

Elfejn sena wara
Ank'aħna niċħduh!



## Il-Għanja tal-Imnikket

O Madonna tad-Duluri,
mhux il-ward
jien fittixt ħa nsebbaħ darek
u nfewwaħlek lil altarek,
imma x-xewk minn qalb ix-xagħri
u l-għollieq, marrad, musfari,
O Madonna tad-Duluri,
Dana biss!

O Madonna tad-Duluri,
l-oħrajn ġew
u bid-deh'b għammru lil darek,
u bil-ħaġar sawru altarek –
jiena biss kont il-barrani
mingħajr ward u deh'b il-għani,
jiena biss!

O Madonna tad-Duluri,
ma stmerrejtx
int l-imnikket ġewwa darek,
'ma tbissimt minn fuq altarek,
kollok ħlewwa, kollok ħniena,
serraħt int lill-qalb għajjiena,
inti biss!


Matthew Lifting Services
Furniture, Appliances, Aluminium, Fireplace, Stones,
Gypsum Boards, Glass, Tiles, Bathrooms, etc...
Moderate Prices / No need of electricity / Fully Insured
Mob: 9923 4321 / 7723 4321
Free Standing matthew_farrugia@hotmail.com


Dream Couture
now open
Women & Kids' Wear
Fashion & Accessories
Opening hours: Monday to Saturday
9.00 – 12.30 & 16.00 – 19.00
Find us on facebook.
Dream Couture by Romona
Triq Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ

## Fuq Ħwejjġi Lagħbu x-Xorti

*Joseph Bonnici*



Ħsieb Tal-Poeżija
Il-versi ta' fuq juru lil Ġesu` jħoss għal dak li seħħ minnu għalkemm għamel il-ġid, iżda jiddispjaċih ukoll għax ħwejjġu li donnhom kienu ta' għamla speċjali, u milbusin minn Re, swew aktar minn ħajtu stess, għal ħaddiehor, daqstant li lagħbu x-xorti fuqhom. Iżda għalkemm kellu xorti ħażina permezz ta' dak li ġara, din stess ġabet ir-rebħ ukoll għax kisbet ħelsien.

**Min hawn ħajti kellha tgħaddi,**
**tintemm mhux bl-aħħar nifs biss;**
**għax ilbiesi ried jgħaddi**
**għal-logħob biex b'hekk jintrebaħ;**
**kif ix-xorti lil wieħed tmiss.**

**Tgħid ħwejjġi swew aktar lilhom**
**u mewti ma tawx kasha;**
**tgħid f'moħħom spiċċaw ilhom**
**jaraw il-qerda tiegħi,**
**biex ħajti jaqtawlha rasha.**

**B'dal mod kellhom itemmuni**
**u xejn ma jibqa' tiegħi;**
**għax b'dan raw kif fehmuni**
**li hekk kienet xortija;**
**b'tisliba b'**ħallelin miegħi.

**Ma nafx għala wasaltu s'hawn,**
**meta qsamt kollox magħkom;**
**tneżżajt b'renji, b'sid ta' dawn,**
**li kienu għal risq tan-nies,**
**kif Missieri lili tagħkom.**

**Iżda hekk ta' fuq lilna radd;**
**ix-xorti fuq ħwejjġu sar,**
**li fisser rebħ għal xi ħadd,**
**għax mewtu kisbet ħelsien;**
**b'qawmien fil-jum ta' dak inhar.**

3-11-2016


*MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

**31, Spencer Hill, Marsa HMR 12, Malta**
Tel: +356 21230301 Fax: +356 21230301
Ġita għal Milan. Inżuru l-Liżar ta' Kristu.
28 ta' Ġunju - 2 ta' Lulju




**Żebbuġ Stationers & Newsagents**

For
Stationery,
greeting cards,
toys, gifts,
digital printing,
photocopying service
and more ...

Sciortino Street,
Zebbug

Tel. 21466076, 21462545



# Id-Dfin

*Eman Bonnici*



La darba dik li tiġborna hawnhekk flimkien illum hija l-mewt, għax qegħdin nagħtu propju ħarsa lejn it-tmiem ta' Kristu fuq din l-art u l-qawmien għall-ħajja l-ġdida, xtaqt nitkellem magħkom fil-ftit ħin li għandna riservat għal dan l-iskop[1], dwar l-iżvilupp u d-differenzi f'kulturi diversi nkluża dik tagħna l-Maltin ta' dak li llum aħna nirreferu għalih bħala 'tebut'. Mill-Iskrittura nafu li Kristu ma kienx wieħed minn dawk li ndifen f'din il-kaxxa tal-injam li nsibu preżenti fil-ħajja tagħna llum f'tant kulturi u pajjiżi, imma kif naqraw f'[Mk:15], "Ġużeppi ta' Arimatija keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; mbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar. Marija ta' Magdala u Marija omm Ġosè qagħdu jaraw fejn tqiegħed" u għal darb'oħra f'[Mt:27] "Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat", waqt li f'[Ġw:19] naqraw "ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbewh bil-faxex tal-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna. Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd. Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib".



Il-fatt li Kristu ndifen mingħajr għata ta' tebut ma kinitx waħdana imma kienet u għadha prassi fost il-Lhud sal-ġurnata tal-lum li jindifnu direttament għall-qiegħa tal-art, imkebbin f'liżar jew xi drabi fil-bandiera tal-Iżrael. Id-difna ssir kemm jista' jkun malajr sabiex hekk il-mejtin ikunu onorati u hekk jiġi osservat dak li huma jsejħu il-*k'vod hamet*. F'ċertu pajjiżi li fihom m'huwiex permess isir dfin bla tebut, il-Lhud jindifnu f'kaxxa sempliċi tal-arżnu li mportanti li ma tkun iġġorr xejn aktar mill-injam li jiffurmaha, lanqas l-iċken musmar u dawn għandhom jitħallew magħluqin waqt is-servizz funebru. L-ibbalzmar u l-kremazzjoni jmorru kontra l-*halacha*, jew il-liġi tat-twemmin Lhudi. Il-katavru jitkebbeb kif turina l-istess Skrittura f'liżar nadif abjad imsejjaħ *tachrichim* mingħajr ebda distinzjoni ta' klassi. L-irġiel jinxteddilhom it-*tallitot*, dik l-għamla ta' xalpa li tintlibes minnhom f'ħin it-talb u f'okkażjonijiet solenni, li jinqatgħu minnha t-trufijiet ta' naħa minnhom sabiex hekk ma tibqax aktar effettiva.

---

1 Diskors li Eman għamel waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-2016

Meta allura u f'liema ċiviltà oriġina l-użu tat-tebut? Filwaqt li l-ewwel evidenza tad-dfin tmur lura 130,000 sena, fil-lingwa tagħna aħna nirreferu għall-kaxxa li tostor il-ġisem mejjet ta' bniedem bħala 'tebut' mentri bl-Ingliż insibu l-kelmiet "*coffin*" u "*casket*". X'inhi allura d-differenza? Filwaqt li *coffin* - mill-Grieg *kophinos*, basket - huwa t-tebut kif nafuh aħna, li l-oriġini tiegħu jmorru lura għall-bidu tas-seklu sittax u li jiġbor fih l-għamla tal-qafas tal-ġisem, *casket* hija għamla ta' kaxxa maħduma fuq stil ikbar u usa li tiswa finanzjarjament ferm aktar mit-twiebet infushom, xi drabi mal-50,000 dollaru Amerikan. Oriġinarjament *casket* kienet tirreferi għall-kaxxa li fiha jitpoġġew ħwejjeġ prezzjużi bħad-deheb u l-ħaġar u kienu l-kummissjonanti li addattaw l-użu tagħha bħala ewfemiżmu fin-negozju tagħhom.



L-ewwel ħjiel ta' dfin f'tebut jeħodna fiċ-ċivilitajiet tal-Eġittu u l-Mesopotamja, fejn ngħidu aħna l-iġsma ta' dawk midfuna fil-piramidi kienu jitqegħdu f'kaxxa tal-injam qabel ma eventwalment jitpoġġew fis-sarkofagu rispettiv tagħhom. L-iżvilupp u l-għamla tat-twiebet evolva u varja maż-żmien minn pajjiż għal ieħor u filwaqt li xi wħud huma partikolarment kiebja oħrajn huma opra ta' tijatrin li jvarjaw minn disinn ta' karozza għal ajruplan u mudelli oħra li jekk insemmiehom naħseb li tispiċċaw ma temmnuniex. Tradizzjonalment fid-dinja tal-Punent, it-tebut kien jinħadem hekk kif tasal il-ħtieġa mill-mastrudaxxa tar-raħal, sakemm il-Gwerra Ċivili Amerikana wasslet għall-industrija tat-twiebet li bdew minn dakinhar jinħadmu bil-massa u jinżammu għal-lest. Biex ma jinħeliex aktar injam għal taħt l-art, l-Imperatur Ġużeppi II, Arċiduka tal-Awstrija u Re tal-Ungerija, il-Kroazja u l-Boemja, amar li t-twiebet kellhom jiġu biss użati għat-trasport tal-mejjet għaċ-ċimiterju, fejn bit-tebut mgħammar bi bieba apposta, il-katavru kien jinżel fil-ħofra mal-ftuħ tagħha u hekk it-tebut ma jindifinx imma jissokta jintuża mill-ġdid minn katavru għal ieħor. Il-mejtin bdew għaldaqstant jindifnu għarwenin, imkebba



fi xkora u mitfugħa f'oqbra tal-massa bil-ġir fuqhom. Dan iżda ma damx ma qajjem agħha fost in-nies u l-Imperatur kellu jwaqqaf l-obbligu li l-mejtin jindifnu bla tebut xejn. It-twiebet kienu u għadhom isiru wkoll mhux biss tal-injam imma wkoll tal-ħadid, li dehru għall-ewwel darba fis-suq fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, fuq disinn ta' ċertu Almond Dunbar Fisk f'Rhode Island fl-Istati Uniti.



Imma niġu għal pajjiżna u nagħtu ħarsa lejn l-użu tat-twiebet fl-istorja. Sal-1921, qabel ma daħlet fis-seħħ il-liġi sal-lum preżenti imsejjħa komunament bħala "tal-povri", ftit kienu dawk li kienu jindifnu f'tebut, imma direttament fil-qiegħa tal-oqbra, sew fil-knejjes kif ukoll fiċ-ċimiterji. Teżisti, fir-reġistri parrokkjali tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, nota ta' nteress partikolari b'rabta mas-suġġett tagħna llum, fejn tidħol id-difna tal-ewwel kappillan, Dun Adrijanu Zarb, li r-reġistri msemmija jindikawlna li ndifen f'kaxxa tal-injam, xi ħaġa tant mhux komuni dik il-ħabta, li min niżżel ir-reġistazzjoni tiegħu ma' mewtu lura għall-31 ta' Jannar 1662 ħa ħsieb jgħarrafna b'dan id-dettall partikolari.

Il-Baruni Giovanni de Nava, Kastellan tal-Forti Sant'Anġlu bejn l-1481 u l-1485, indifen fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali fir-Rabat ġo kaxxa fit-tribuna waqt li żewġ nisa ħallew imniżżel fit-testmenti tagħhom fl-1584 u l-1592 rispettivament, li l-katavri tagħhom kellhom jitqiegħdu f'tebut sakemm ikunu jistgħu jindifnu fil-knisja Ta' Ġieżu tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fil-Belt meta din titlesta. Anki r-reliġjużi kienu jidfnu fil-parti kbira lill-membri professi fi ħdan l-Ordni rispettiv tagħhom mingħajr tebut u pereżempju eċċezzjoni fil-każ tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi kienet id-difna ta' P. Ġużeppi Briffa ta' San Gejtanu mill-Birgu, li mifni bit-tiżi fl-età bikrija ta' 25 sena, ħa l-aħħar nifsijiet tiegħu fil-kunvent ta' Santa Tereża ġewwa Bormla fil-15 ta' Jannar 1828 u għalih il-patrijiet ordnaw tebut u fih tqiegħed fil-kripta tagħhom taħt l-artal maġġur.

Li l-mejtin jittieħdu għad-difna tagħhom f'tebut wara l-introduzzjoni tal-liġi tal-povri fl-1921, instigaha Dun Karm Xuereb, li 'l seħħlu jkun Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi u Arċidjaknu tal-Kapitlu Metropolitan, li meta kien appuntat kappillan il-Kalkara, baqa' mpressjonat bl-ewwel difna li akkumpanja l-Addolorata li fiha l-mejjet tqiegħed f'qabru mingħajr tebut u dak li messu jakkumpanja warajh, biex ma jkollux l-istess xorti, spiċċa ħallaslu wieħed hu minn butu. Meta mbagħad sar jaf li min mezzi biex jixtri wieħed ma kellux u minflok seta' jibbenefika minn tebut tal-povri b'xejn, ra

kif għamel u nforma lill-kappillani sħabu biex isiru jafu - u allura jagħmlu użu minn dan id-dritt - u hekk ftit ftit il-mejtin spiċċaw milli jindifnu bla twiebet, ħlief f'każijiet partikolari bħal meta xi drabi ġara li katavri daħlu fi stat tant qawwi ta' putrefazzjoni li wasslet għall-infiegħ tagħhom u bl-ebda mod ma setgħu jitqegħdu f'tebut, inkella matul it-Tieni Gwerra, meta katavri fil-veru sens tal-kelma ma kellekx, għax ħafna drabi ma kinux jinġabru ħlief biċċiet, liema xogħol daħlu għalih is-Sorijiet Dumnikani u li tiegħu kienu jirċievu l-ħlas ta' għoxrin ċenteżmu kuljum mingħand l-Awtoritajiet Ingliżi. Xogħolhom kien propju dak li jagħżlu l-biċċiet tal-fdal uman sabiex jitħejjew għar-rikonoxximent tal-familjari, iżda l-ħlas għal dan ix-xogħol skabruż għenhom biex jitimgħu it-tant ħluq ta' tfal mill-Istitut ta' San Ġużepp imwaqqaf minn P. Feliċjan Grech OP., f'Ħaż-Żabbar, li evakwaw lejn Ħ'Attard wara li l-istitut kien meħud mill-awtoritajiet sabiex iservi bħala sptar ta' emerġenza.



It-twiebet tal-povri kienu jinħadmu l-Isptar Monte Carmeli, il-Ħabs ta' Kordin u l-Imgieret. Kienu twiebet sempliċi u fqar għall-aħħar, iżda almenu d-difna ma kinitx issir dirett għall-qiegħa tal-art. Irridu nsemmu wkoll li minħabba n-nuqqas ta' preżenza ta' twiebet, dari l-katavri kienu jitgħattew b'ħamsa u għoxrin ċentimetru ħamrija u f'ċertu ċimiterji, bħal dak ta' Santa Marija Addolorata, din il-prassi baqgħet għaddejjha sal-1965, ukoll meta l-mejtin bdew jindifnu fit-twiebet, għalhekk biex l-oqbra ma jispiċċawx mimlija ħamrija, li kienet tkun ta' kedda meta 'l quddiem il-qabar jiġi biex jitħammel, it-twiebet bdew jinksew minn ġewwa biż-żingijiet, dejjem minn dawk li naturalment setgħu iħallsu.

Iżda lil hinn mit-twiebet - għax naf li hu suġġett kiebju għal diversi, minkejja li ħafna ilhom snin jitħabtu biex jakkwistaw ir-residenza eterna tagħhom - nixtieq ngħaddi hawnhekk biex ngħid xi ħaġa dwar is-sens tal-ħajja nfisha.

Lejn l-aħħar tas-seklu għoxrin, mili bogħod wieħed mill-ieħor, żewġ kittieba ppubblikaw żewġ titli ta' materja filosofika Kristjana. Fl-1893, fi Franza, Paul Claudel ħareġ *L'Action* u fl-1897, fir-Russja, Vladimir Solov'ëv ħareġ dak li fl-Oċċident deher bit-titlu *La Giustificazione del Bene* li interessanti t-tnejn li huma, minkejja li l-awturi

ma kinux jafu lil xulxin, it-testi jibdew bl-istess kliem: l-ewwel wieħed ta' Claudel: "Iva jew le, il-ħajja umana għandha sens?" u t-tieni ta' Solov'ëv, "Il-ħajja għandha sens?", u għalhekk fil-ħsieb tagħhom it-tnejn li huma ċċentraw il-problema tas-sens tal-ħajja. Filwaqt li għaż-żgħażagħ il-ħajja hija riċerka sħiħa għall-flus, il-karriera u l-kumdità, għal dawk li laħqu l-età adulta il-ħajja mhijiex għajr problemi soċjali: il-kontijiet, is-self li jrid jintradd, it-tfal u x-xogħol u l-bniedem ma jseħħlux jirrealizza bosta drabi kemm il-ħajja hija qasira u li ħafna drabi seħħlu fil-veru sens tal-kelma jaħlieha quddiem jew ma' ħwejjeġ, entitajiet jew figuri li minnhom ma sarraf xejn għajr inkwiet żejjed, li ħafna drabi jitfgħu qabel ġot-tebut. F'waqtu ħafna l-kliem tal-Kardinal Domenico Tardini li meta tara qabar sabiħ in-nies tieqaf u tosserva u meta tara qabar sempliċi fqir, tieqaf u titlob, imma ma' dan jiena nżid - meta n-nies tara lilna għaddejjin merfugħin fuq l-ispalla, x'sejra tgħid fuqna? U aktar minn hekk, lilna li qed joħduna fiha, il-valur ta' din il-ħajja konna kapaċi nagħrfuh?

Is-seklu għoxrin fil-kulturi dominanti żgur li ma seħħlux jinġabar il-kliem ta' dawn iż-żewġ ħassieba għax qatt qabel ma kien hemm seklu aktar imdemmi minnu. Flok sinjifikat kellek proposti miti ideoloġiċi: in-nazzjonaliżmu, il-progress, il-ġlieda tal-klassi, is-superjorità tar-razza, ix-xjentiżmu bla limiti, il-liberaliżmu morali eċċ., li matulhom il-ġenerazzjonijiet għaddew mill-ġenoċidji Armeni, Russi u Lhud; iż-żewġ kunflitti mondjali; l-abort u d-diżastru ekoloġiku. Għaliex? Għax ħafna mill-mexxejja suppost bravi tad-dominji m'għarfux is-sinjifikat tal-ħajja. Jiġini f'moħħi biljett li żagħżugħ ta' sbatax-il sena miċ-Cesenatico fl-Italja f'Novembru 1991 ħalla qabel wettaq suwiċidju: "Kelli kollox f'ħajti!". Kellu kollox veru, ħlief is-sinjifikat għal ħajtu. Illum m'għadniex f'soċjetà li fiha l-bniedem irid jissielet biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum u għandu għaldaqstant għan mifrux quddiemu, imma għall-kuntrarju il-ħobż li għandu ma jafx x'ser jagħmel bih! Meta l-bniedem jagħraf is-sinjifikat tal-ħajja, anki l-uġiegħ u t-tbatija jistgħu jinftehmu u jiġu spjegati. Omm li qed tnissel ngħidu aħna,



minkejja s-sofferenzi li minnhom tkun għaddejjha, taf sew il-għala qegħda tbati, propju għax għarfet is-sens tal-ħajja. Meta saħansitra l-pjaċir innifsu ma jkollux sens warajh, jitlef is-sinjifikat tiegħu u għalhekk għandna din ir-rata għolja ta' suwiċidji f'pajjiżi li suppost ma jonqoshom xejn.



Ix-xjenza qatt ma kienet kapaċi tagħtini risposta għas-sinjifikat tal-ħajja. Ippermettiet iva lill-bniedem jitla' fuq il-qamar imma ma qaltlu xejn x'ġie jagħmel qabelxejn fid-dinja, li wara kollox hija essenzjali u bażilari ferm aktar mill-importanza li jinġabar il-ġebel mill-qamar!

Fejn hu s-sinjifikat? Jeħtieġ insibuh. "Is-sinjifikat tal-univers", kif qal darba tajjeb professur mill-Università ta' Vjenna, "ma jinsabx fl-univers". Matul il-ħajja pjuttost qasira tagħna, bosta drabi jkollna naffaċjaw problemi fil-ħajja ta' kuljum - inklużi spejjeż, mard u problemi - li ma nfittxux aħna iżda jiġu fuqna ta' bla ħsieb, xi drabi minn oħrajn li biex jidhru safja u ħelwin, jippruvaw iwittu lill-oħrajn taħt saqajhom billi jippersegwitawhom u jikkalunjawhom. Bi sfortuna din hija r-realtà b'mod speċjali fid-dinja tax-xogħol, fejn min jimxi rett jaqlagħha u min jidgħi u jgħolli leħnu jippampla. Kif kien jgħid tassew tajjeb P. Bonaventura Chetcuti OSA.,: "*I superiori sono duri con i deboli e deboli con i duri*!".

Ħbieb tiegħi, kulma jmur qegħdin nikbru. Ejjew nagħmlu azzjoni tajba f'ħajjitna, li għaliha dawk ta' madwarna jibqgħu grati lejna. Dan hu dak li rrid inwassal jien f'din l-okkażjoni. Mhux il-wirjiet u l-marċi, li għalkemm importanti, ftit ġranet jitneħħew minn quddiem għajnejna u jintnesew, imma azzjoni ġusta li tħalli ġdid. Nagħrfu s-sens tal-ħajja tal-bniedem, li dan tal-aħħar bosta drabi jdawwar minflok f'domanda interroggativa. Aħsbu ftit u staqsu: qabel jagħlquna f'dik il-kaxxa, qabel iħabbat is-Sinjur fuq il-bieb kif naqraw fl-Apokalissi [Apk:3] "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi", jew aħjar kif iqegħda aħjar Clemente Rebora "*a tu per tu, noi ceneremo insieme*", aħna x'qegħdin nagħmlu biex inħejju rwieħna għal dan? Jistħoqqilna nieħdu sehem f'din iċ-ċena? U la joħduna f'kaxxa ta' Malta, "tal-anġlu", jew f'oħra "ta' barra", tal-ġewż, biex wara ftit żmien ineħħuna minnha u jtellgħuna f'qoffa u bi skoss nintefgħu għal qiegħ il-qabar li jostorna, x'ser ikunu t-tifkiriet li nkunu ħallejna lil dawk ta' madwarna u lil dawk ta' warajna?

# L-Għid il-Kbir ta' Dari



*Guido Lanfranco*

Fiż-żmien ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, sakemm intemm il-Konċilju Ekumeniku II, iċ-ċeremonji, il-liturġija u l-manifestazzjonijiet popolari ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir kienu ftit differenti minn ta' dawn l-aħħar tletin sena. Waħda mid-differenzi mportanti hi li l-qniepen kienu jdoqqu l-Glorja nhar Sibt il-Għid filgħodu, mhux bħal issa.

F'Bormla, bħalma kien isir ukoll fil-bliet l-antiki fejn kellhom proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kien ikun hemm attivita' intensiva, bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd, li kienet tirrifletti l-atmosfera mnikkta fit-tifkiriet tal-Passjoni u ta' ferħ f' dawk tal-Qawmien Tiegħu.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, minn Triq l-Oratorju għal Triq San Ġorġ, il-vara tad-Duluri kienet timmarka t-tmiem tal-proċessjoni u tista' tgħid ukoll tal-Gimgħa Mqaddsa (xi drabi f' Bormla kien ikun hemm xi tfal ċkejknin imlibbsa bil-ġilda tan-nagħaġ itertru bil-bard fuq il-bradella). Il-Vara l-Kbira kienu jdawrulha s-salib minn taħt il-bradella biex jista' jgħaddi mit-triq hekk dejqa.

Sadattant, minħabba li l-għada kellu jkun Sibt il-Glorja, fil-knisja kien ikun hemm ħafna ċaqlieq u xogħol mgħaġġel biex is-sagristan u sħabu jżarmaw id-damask iswed u minfloku jarmaw malajr l-aħmar biex ikun lest għall-għada, għax il-Glorja kienet tindaqq kmieni sad-9 ta' filgħodu.



Meta nhar Sibt il-Glorja iċ-ċelebrant jasal biex jintona l-"Gloria...", naħseb li kien ikollu qalbu ttaqtaq f dak is-silenzu, għax waqt il-funzjoni, fil-knisja, jkunu daħlu baxx baxx għadd ġmielu ta' ġuvintur u tfal mifruxin mal-knisja kollha, fuq l-kampnari, ħdejn l-altari u t-twieqi, kollha għajnejhom fuqu jistennewh jiftaħ ħalqu. Malli bilkemm ikanta l-ewwel kelma, l-knisja timtela storbju, bid-daqq tal-qniepen il-kbar u oħrajn żgħar, ċoqlajtiet li kienu użati wkoll fil-jiem ta' qabel, ċapċip, mużika ta' l-orgni u l-kant, jinkixfu t-twieqi, kurċifissi u nkwadri madwar il-knisja kollha li s'issa kienu mgħottijin bid-drapp vjola.

Fit-toroq u fid-djar min kellu qanpiena jew ċoqlajta semmagħha, fil-ħwienet tal-laħam u oħrajn iċekċku s-skieken jew li jsibu fuq il-bank għax is-sawm u l-astinenza spiċċaw u jerga' jibda l-bejgħ. Fil-port isemmgħu lehenhom il-laneċ u bċejjeċ ohra tal-baħar.

Waqt id-daqq u l-istorbju ta' Sibt il-Glorja, f bosta djar fejn kellhom trabi ta' madwar sena, bħalma kien isir f bosta bliet u rħula oħrajn, kienu jgħinuhom iqumu fuq saqajhom biex bħallikieku jqumu ma' Kristu u jagħmlu l-ewwel pass.

Kienet drawwa f' Bormla, imma wkoll f'postijiet oħra, li fid-djar ibaħħru billi f' taġen, kazzola jew ħaġ' oħra jaħarqu friegħi u weraq taż-żebbuġ imbierek minn tas-sena ta' qabel. Għalkemm it-tbaħħir huwa superstizzjoni mifruxa mad-dinja kollha, kienu jlissnu xi talba bil-fehema li mid-dar joħroġ id-deni u tibda ħajja ġdida.

L-għada, Ħadd il-Għid il-Kbir, il-festa ta' l-Irxoxt kienet tkun bil-kbir, b' ħafna storbju, ġiri u briju. F'xi l-ħamsa ta' filgħodu jgħaddu mit-toroq dawk li jdoqqu l-fifra u t-tanbur, drawwa qadima li tfakkarna fi żmien aktar antik meta kienu javżaw il-bandu bid-daqq, u din id-darba bħallikieku javżaw lin-nies ta' Bormla li se joħroġ l-Irxoxt.

It-toroq, l-aktar minn fejn kellha tgħaddi l-vara, kienu jimtlew bl-istorbju tan-nies jiġġerrew, għajjat tal-bejjiegħa tal-pastizzi u l-qassatat, ħwienet tal-ħelu miftuħin, tfal joħorġu bil-figolla bil-bajda mgħollija iebsa, mlewwna marbuta magħha. Il-Banda San Ġorġ kienet toħroġ iddoqq marċi brijużi mat-toroq.

Meta toħroġ l-istatwa u tibda tiela' Triq l-Oratorju, kienu jbandluha mal-banda li kienet iddoqqilhom il-valzi. Kienet tagħmel l-ewwel ġirja minn Triq San Ġorġ għal Pjazza Santa Margerita qalb il-folol. Fi żmien kienu jdawwru l-istatwa biex tħares lejn Il-Birgu, biex jinkuhom. Kienet tagħmel ġirja oħra Triq San Pawl, waqt li l-kleru jimxi biex jilħaqha qabel ma tagħmel l-aħħar ġirja.

Waqt li tgħaddi l-vara it-tfal fit-toroq, fit-twieqi jew fil-gallarija, kienu jgħollu l-figolla biex iberikielhom, u waħda mit-taqbiliet li kienu jghidu kienet: "Kristu Rxoxta birikhieli, bierek 'l ommi u 'l missieri!"

Qabel il-gwerra kien ikun hemm ukoll xi raġel jew tnejn, bħalma kienu jidhru f' xi festi oħrajn, li jduru bit-tilar li kien ikun fih xi ftit figolli, u min iħallas xi ħaġa żgħira kien jista' jdawwar iċ-ċippitatu biex jekk jiġi n-numru li għażel jirbaħ figolla. Għalhekk għadna nisimgħu min jgħid it-taqbila: "*I am* dawwart figolla, *I am* dawaqart is-sej, *He is* kielhieli kollha, Dawwart l-ottu w ma ħadd xejn!"

Il-familji ta' Bormla kienu jqisu Ħadd il-Għid bħala festa tal-post, u għan-nofsinhar kienu jħejju ikla bil-ħaruf għall mistednin.

# F’dan iż-Żmien Qaddis tas-Sena



*Kav. Joe M. Attard*

(It-tielet parti)

Intant, f’dan iż-żmien qaddis u hekk għażiż tas-sena jispikkaw bla ebda dubju l-Purċissjonijiet sbieħ u devoti li joħorġu fil-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira mill-knejjes Parrokkjali tagħna. Kieku kelli nibda nitkellem fuqhom kollha ma kont nispiċċa qatt. U allura se nillimita ruħi billi ngħid xi ħaġa dwar forsi l-eqdem waħda f’dawn il-gżejjer tagħna u se nissellef minn dak li kiteb is-Sur Joseph C. Camilleri fir-rivista ‘Sagħtar’ ħarġa t’April 1984.

Fost iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru biex ifakkru l-Passjoni u l-Mewt tas-Sinjur tagħna Ġesú Kristu nsibu purċissjonijiet bil-vari f’bosta bliet u rħula, fosthom fir-Rabat ta’ Malta. Dak in-nhar għall-ħabta tal-5.30pm u s-6.00pm mill-Knisja ta’ Gieżu tal-Patrijiet Franġiskani Minuri tibda ħierġa l-Purċissjoni bil-vari tal-Passjoni. Din il-Purċissjsoni hija l-eqdem waħda f’Malta u f’Għawdex. Dokument tal-1591 jurina li din il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet diġa ilha ssir f’dan il-post għal bosta snin. Dak iż-żmien il-purċissjoni kienet differenti għal kollox minn dik ta’żmienna. Aktarx bdiet minn purċissjoni li kienet issir b’Ġesú Msallab. Tant hu hekk li fil-purċissjoni tar-Rabat hemm id-daqq tas-suffara u tat-tanbur, ħaġa li ġejja mill-bandituri tal-imgħoddi.

Din il-Purċissjsoni tkun organizzata mill-Arċikonfraternita’ ta’ San Gużepp. Din l-Għaqda torganizza din il-purċissjoni flimkien mal-patrijiet Franġiskani Minuri. L-Arċikonfraternita’ waqqfet fl-1883 l-Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira biex tieħu ħsieb din il-Purċissjoni. Barra minn hekk din kienet l-ewwel purċissjoni li kellha l-istatwi. Dawn kienu ta’ Ġesú Marbut mal-Kolonna, magħrufa bħala “l-Marbut” ; u Ġesú mejjet (Il-Monument). Wara l-miġja f’Malta tal-Ordni ta’ San Gwann daħlet id-drawwa li fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira xi nies jerfgħu salib kbir fuq spallejhom. Kien ikollhom wiċċhom mgħotti u ma’ saqajhom kienu jġorru l-ktajjen. Dawn kienu aktarx lsiera, li f’Malta ta’ dak iż-żmien kienu kotrana ħafna.

Aħna mdorrijin li l-purċissjonijiet isiru waqt li tkun nieżla x-xemx. Din il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet toħroġ fit-tmienja ta’ bil-lejl u kienet tidħol fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri għal ħabta ta’ nofs il-lejl. Dawk iż-żmenijiet it-toroq tar-Rabat, bħal dawk ta’ Malta u Għawdex, kienu fid-dlam għax ma kienx hawn elettriku.

Għalhekk mal-purċissjoni kienu joħorġu ħafna gandilabri u torċi li kienu jaqbdu bil-ħatab. Din id-drawwa li toħroġ il-purċissjoni fit-tmienja waqfet fl-1880 meta l-Isqof Scicluna ried li l-purċissjoni tidħol ma' siegħa fuq l-Ave Maria.

Ta' min jgħid li l-purċissjoni ma kenitx tgħaddi mit-toroq tar-Rabat biss iżda kienet tidħol ukoll fl-Imdina. Biex kien isir dan is-Salib tal-vara l-Kbira l-Qadima kellu ċ-ċappetti għax kien jintlewa lura biex ikun jista' jgħaddi mill-bieb tal-Imdina. Din il-belt qadima ta' Malta kellha sehem ieħor f'din il-Purċissjoni. Wara l-Monument, kien hemm jakkumpanjaw lil Kristu Mejjet l-abbatini tal-Katidral ta' San Pawl (tal-Imdina), li kien ikollhom fuq spallejhom il-friegħi żgħar taċ-ċipress u kienu jkantaw is-Salm 'Miserere' flimkien mal-Kappillani tal-Katidral.

Ħaġa li baqgħet f'din il-purċissjoni hi l-għadd ġmielu ta' tfal li kienu lebsin iż-żimarri u jġorru magħhom simboli tal-Passjoni. Barra mit-tfal kienu jieħdu sehem ukoll għadd sabiħ ta' żwiemel.

Fil-bidu ta' dan is-seklu l-purċissjoni ħadet xejra oħra u bdiet tiżviluppa kif nafuha llum. Il-Baruni de Piro Gourgion beda jdaħħal ħafna ħwejjeġ ġodda fil-purċissjoni, bħalma huma nies lebsin ta' persunaġġi bibbliċi. Dawn kienu ħaġa ġdida għal purċissjonijiet Maltin u Għawdxin. Il-Baruni daħħal ukoll it-Tronku – salib tal-kartapesta li jintrafa' minn bniedem wieħed. Billi l-Purċissjoni ddum ma tidħol ikun hemm ieħor ħdejh biex jakkumpanjah f'dan ix-xogħol. Illum il-kostumi tal-Baruni De Piro ġew mibdula għax qdiemu u saru ta' drapp lussuż. Żdiedu wkoll il-persunaġġi li għandhom x'jaqsmu mat-Testment il-Gdid u l-Qadim, u dan sar bil-ħidma tas-Sur Ġużeppi Azzopardi, li hu l-Prokuratur tal-Għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira.

Fil-Purċissjoni Rabtija naraw sett sabiħ ta' vari li minn żmien għall-ieħor inbidlu. Qabel is-sett tal-lum kien hemm sett ta' vari oħra antiki. Mis-sett antik baqa' biss żewġ vari li saru għal din il-purċissjoni u l-ewwel tnejn f'purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesú Kristu f'Malta u Għawdex.

L-ewwel vara li naraw fil-Purċissjoni tar-Rabat hi dik ta' Kristu waqt l-Orazzjoni fl-Ort li saret fl-1825 mill-istatwarju Mosti Antonio Mifsud; 57 sena wara saret ir-raġġiera tal-fidda li tinsab fuq ir-ras ta' Ġesú. Il-ħlas ta' din ir-raġġiera kien sar min-nobbli Ursola Grech Delicata Theuma Castelletti. Wara l-vara ta' Ġesú fl-Ort tiġi l-vara li hi l-iktar reċenti u li turi lil Guda jbus lil Ġesú Kristu; saret fl-1982 u hi xogħol tal-iskultur Għawdxi bħalna Alfred Camilleri Cauchi. IL-Marbut jew il-vara ta' Ġesú marbut mal-kolonna tiġi wara l-vara ta' Guda ; hi

maħduma fl-injam u hi tqila ħafna. Inħadmet fi Sqallija, iżjed minn erba' sekli ilu u nġabet f'Malta minn ajk Franġiskan tal-patrijiet Minuri.

Wara l-Marbut tiġi l-vara ta' Ġesú nkurunat bix-xewk, l-'Ecce Homo'; saret fl-1850 minn Antonio Mifsud. Ir-raġġiera tal-filugranu ħallas għaliha s-Sur Joseph Zammit. Il-ħames vara, Ġesú Kristu mgħobbi bis-salib, magħrufa bħala r-Redentur jew tal-Imgħobbi, hi ta' devozzjoni kbira; matul is-sena jkollha wegħdi minn madwar Malta kollha.

Il-vara tal-Veronika tiġi wara dik tar-Redentur; ħallas għaliha l-Baruni DePiro Gourgion fl-1880 u saret minn Karlu Darmanin magħruf bħala statwarju mportanti.

Is-seba' vara tirrapreżenta l-għaxar stazzjon tal-Via Sagra: Ġesú qed jitneżża minn ħwejġu. Din hi l-unika vara li sal-1984 konna nsibu fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta ua Għawdex. Saret fl-1962 fuq ix-xewqa tal-Arċisqof Mikiel Gonzi; ix-xogħol sar f'Bari u tħallset minn Giużeppi Zahra mir-Rabat. It-tmien waħda hija l-iktar waħda mportanti fis-sett kollu magħrufa bħala l-Vara l-Kbira. Ġiet irranġata mill-ġdid minn Karlu Darmanin. Ir-raġġiera ta' Kristu hi tal-fidda u saret mill-Arċikonfraternita' ta' San Gużepp fl-1741. Hemm raġġiera oħra, tal-Madonna, li għamlitha l-Barunissa Maria Tereza d'Amico Inguaneż fl-1883. Wara l-vara ta' Ġesú Kristu fuq is-salib, tiġi l-vara ta' Kristu mejjet, 'Il-Monument' . Is-sodda tiegħu hi xogħol tassew sabiħ.

Il-Monument huwa xogħol li nħadem fl-1953 minn Ġużeppi Muscat. L-iskultura tiegħu hi tal-injam u saret minn Carmelo Tonna waqt li x-xogħol tal-induratura sar minn Gużeppi Farrugia tal-Imdina. Muscat, Tonna u Farrugia kienu fratelli ta' San Gużepp. Il-Ġisem ta' Kristu Mejjet hu xogħol antik, aktarx sar fi Sqallija. Il-Barunessa Maria Tereza d'Amico Inguanez għamlet ir-raġġiera tal-fidda tiegħu. L-aħħar vara li toħroġ fil-Purċissjoni hi tad-Duluri, xogħol ta' Karlu Darmanin. L-istellarju tal-fidda sar minn Feliċ Portelli waqt li l-istallet huwa xogħol ta' Vincenzo Borg.

Waqt li tkun għaddejja l-Purċissjoni, iddoqq il-Banda L'Isle Adam li minn dejjem ħadet sehem f'din il-purċissjoni; timmarċja quddiem l-istatwa ta' Ġesú Msallab u ddoqq marċi funebri. L-ewwel darba li ħadet sehem kien bejn l-1870 u l-1880. Din il-banda ddoqq ukoll żewġ notturni bil-kor tat-tfal, wieħed ta' Lorenzo Gatt u l-ieħor ta' Carmelo Camilleri.

Hemm madwar 500 persuna li jieħdu sehem fil-Purċissjoni. Hi purċissjoni

organizzata tajjeb u magħrufa għad-devozzjoni u s-serjeta' tagħha. Mhux ta' b'xejn li nies minn kull rokna ta' Malta jinvadu r-Rabat għal din il-manifestazzjoni.

Minn artiklu li ppubblika fir-Rivista "Sagħtar" li l-Moviment tal-Għalliema joħroġ kull xahar għall-iskejjel, fil-ħarġa nru 109 April, l985 Joseph F. Grima jinnota li b'kollox, f'Malta u Għawdex hawn mhux inqas minn għoxrin sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li dsatax minnhom joħorġu f'purċissjonijiet nhar Ħadd il-Palm u f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira. L-għadd ta' vari f'kull sett ivarja minn sebgħa għal tnax u b'kollox insibu li hawn mhux inqas minn 180 statwa li setgħu żdiedu minn meta nkiteb l-artiklu tas-Sur Grima. Ħafna nies iħobbu jmorru jaraw dawn l-istatwi armati matul il-Ġimgħa l-Mqaddsa, ngħid għalija jien wieħed minnhom. Oħrajn iħaffu biex jaraw xi purċissjsoni jew tnejn -- jekk mhux tlieta wkoll – filwaqt li ssib oħrajn iħobbu jibqgħu ġewwa fuq pulturna komda jsegwuhom minn fuq it-Television. F'dawn il-purċissjonijiet il-vari kellhom u għad għandhom attrazzjoni partikolari. Issib min isefsiflek li din l-istatwa hija tal-kartapesta, li l-oħra tal-injam, tax-xellug inġabet minn Lecce u ta' wara minn Bari. Iżda qatt ħsibtu ftit min kienu dawk l-iskulturi u l-istatwarji li idejhom sawrulna dan l-għadd hekk kbir ta' statwi mferxin mal-gżejjer tagħna!

Is-Sur Grima jsostni li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-istatwi huma tal-kartapesta iżda hemm xi wħud li huma mnaqqxin fl-injam. Erba' settijiet – jiġifieri tal-Birgu, iż-żewġ purċissjonijiet ta' beltna Victoria u l-oħra taż-Żebbuġ, huma lebsin ħwejjeġ tad-drapp; din tal-aħħar fiha statwi wkoll imlibbsin ħwejjeġ tan-newl li ż-Żebbuġ hu tant magħruf għalih. Wieħed jieħu gost itenni li l-biċċa l-kbira nħadmu minn artisti lokali.

Ikollna ngħidu wkoll li wħud minn dawn l-istatwi huma ta' kwalita' nferjuri u m'għandhom l-ebda valur artistiku; iżda numru sostanzjali minnhom huma tal-livell artistiku u tekniku tajjeb tant li wħud minnhom nistgħu ngħidu li jirrappreżentaw l-ogħla livell li laħqet it-teknika tal-kartapesta, teknika li aktarx iddaħlet hawn Malta minn xi Sqalli jew Sqallin mhux magħrufa.

Nafu fi żgur li għal linqas sa madwar l-1740 l-Imgħallem Malti Saverio Laferla kien diġa jħaddimha sew din it-teknika. Naħsbu li sal-1742 Laferla kien għamel sett sħiħ ta' tmien vari għall-Patrijiet ta' Ġieżu tal-belt Valletta biex jieħdu post il-vari oriġinali. Jingħad ukoll li fl-1742 beda xogħol għal sett ieħor ta' vari għal Ħal Żebbuġ f'Malta. Laferla miet fid-19 ta' Jannar 1761; talinqas hekk jgħid fid-djarju tiegħu Dr Dun Injazju Saverju Mifsud li kompla jgħid ukoll li l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt Valletta li kienu jintużaw dak iż-żmien kienu kollha

xogħlijiet ta' Laferla.

Jidher li t-teknika tal-kartapesta f'Malta ppopolarizzaha l-aktar il-Mosti Antonio Mifsud (1760 – 1830) magħruf bħala *In-Najċi* li nkluda fost l-opri tiegħu l-Ort tal-Getsemani tar-Rabat f'Malta u l-Ecce Homo li ntuża f'din l-istess purċissjoni sal-1983. Nistgħu ngħidu li Mifsud fetaħ it-triq għal diversi skulturi u statwarji lokali li ġew warajh u li kienu jinkludu lil Marjanu Gerada (1770 – 1823) x'aktarx mill-Isla magħruf bħala l-Mariani, Xandru Farrugia (1781 – 1871) miż-Żejtun, Pietru Pawl Azzopardi (1791 – 1875) mill-Belt li f'Għawdex tana fost statwi oħra lil San Ġorġ u l-Kurċifiss devot it-tnejn fl-injam li nsibu fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria u lil San Gwann Battista magħmul minn zokk ta' siġra, statwa titulari fir-Rotunda tax-Xewkija, Salvatore Psaila (1798 – 1871) Bormliż, li tiegħu għandna wkoll l-istatwa tal-Immakulata meqjuma għand il-Patrijiet Franġiskani fil-Victoria, Salvatore Dimech mill-Mosta (1805 – 1887), Gużeppi Vella mill-Belt (1802 – 1866), Giovanni Darmanin mill-Belt (1817 - ?), Vincenzo Cremona mill-Belt (1851- 1912) li tana l-istatwa ta' San Ġorġ ta' barra li toħroġ il-Ġimgħa fid-dimostrazzjoni tal-festa, Abram Gatt minn Bormla (1863 – 1944), Kalċidon Mangion mill-Għargħur , tliet artiġjani mir-Rabat li kienu Pawlu u Kalċidon Bugeja u Antonio Sapiano, il-Bormliż Gużeppi Caruana u l-Qormin Karmenu Mallia (1869 – 1931) magħruf bħala tal-Lhudi u ibnu Xandru. Hi ħaġa naturali li ma tistax titħalla barra dak li hu meqjus bħala l-prinċep tal-istatwarji Maltin: Karlu Darmanin (1825 – 1909) mill-Isla u li ħafna xogħlijiet tiegħu jinsabu mxerrda f'diversi rħula u bliet Maltin, inklużi l-Mosta, Bormla, Ħal Qormi, Ħal Għaxaq, ir-Rabat u Ħal Luqa.

Fi żmienna nsibu lil Wistin Camilleri (1885 – 1975) li baqa' fuq ix-xogħol wara li kien għalaq id-90 sena. Tista' tgħid li Għawdex fejn twieled u għex, hu mimli bl-istatwi tiegħi iżda tiegħu wkoll hija l-vara oriġinali tat-Tradiment ta' Guda li ħadem għan-Naxxar fl-1975. Statwarju ieħor huwa r-rabti Glormu Dingli li ħadem vari ta'Xmun iċ-Ċirinew (1964) u Ġuda (1978) għal Ħaż-Żebbuġ u gruppi ta' Guda għal Mosta (1963) u għal Ħal Luqa (1973).

Żewġ artisti komtemporanji oħrajn huma ż-żewġ ulied ta' Wistin Camilleri, Alfred u Michael Camilleri Cauchi. Michael ħadem il-Vara l-Kbira (1976) għan-Nadur, il-Marbut u l-Ecce Homo għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria (1976), u r-Redentur u l-Ecce Homo tan-Naxxar fl-1981 u l-1982. Alfred ħadem erba' xogħlijiet oriġinali għal Ħal Qormi li huma Ġesú Jiltaqa' mal-Madonna (1980), il-Marbut jew aħjar Ġesú maħlul mill-Kolonna (1981), l-Ecce Homo (1982), u l-grupp magħruf bħala l-Veronika (1981) li jinkludi wkoll lil Xmun iċ-Ċirinew u

rappreżentanza tan-nisa ta' Ġerusalemm (għalkemm il-figura propja tal-Veronika hi ta' Karlu Darmanin, xogħol ta' tmiem is-seklu l-ieħor). Ħadem ukoll Guda (1982), Ecce Homo (1984), u t-Tneżżigħ ta' Gesu minn Ħwejġu (1984) għar-Rabat f'Malta. Ix-xogħlijiet ta' dan l-istatwarju juru biċ-ċar l-esperjenza li kien kiseb mill-ħanut tax-xogħol ta' missieru, li flimkien max-xogħol irfinut, l-oriġinalita' u snin ta' studji tejoritiċi barra minn Malta, għamlitu statwarju u skultur magħruf u dinamiku li hu kapaċi jipproduċi xogħlijiet ta' kalibru għoli.

Intant iddur kemm iddur u tisma' kemm tisma' dwar dawn il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u l-għadd ta' artisti bravi li ħadmuhom mal-medda tas-snin, Ġesú minxur fuq is-Salib jibqa' dejjem iċ-ċentru ta' dan iż-żmien għażiż u qaddis. Qabel ma Ġesú ħaddan is-salib, dan kien imwarrab u mistmerr iżda meta Ġesú ġarru u ssallab fuqu, dan sar sinjal ta' ferħ u rebħ kif itenni wisq tajjeb il-Poeta Nazzjonali tagħna Monsinjur Dun Karm Psaila fil-poeżija tiegħu *Is-Salib*. Isimgħuha:

*Għuda bla ġieħ, mgħobbija*
*Bis-saħta, bit-tmaqdir*
*Imsawra bil-ħruxija*
*Għall-ħati, għall-irsir.*

*Fuqek ħallew ħajjithom*
*L-imjassra, l-qattelin,*
*U min rahom, għaddihom*
*Bla ma qal, "Imsejknin!'*

*Wara li ħaslek b'demmu*
Ġesú, Oh kemm tbiddilt!
*Tal-ġieħ tlajt sal-quċċata*
*U minn hemm qatt ma nżilt.*

*Hennejt lill-ġnus; mexxejthom*
*Fuq triq tal-isbaħ sebħ;*
Ħabbewk il-foqra, is-slaten
*Xeddewk għelma ta' rebħ.*

Xi ħadd forsi jistaqsi: U x'inhu s-sehem tal-mara tad-dar f'dan iż-żmien! It-tweġiba jagħtihielna Joseph C. Camilleri fl-essay tiegħu "Malta fi Żmien il-Għid – sehem il-mara f'dan iż-żmien". L-irġiel u n-nisa Maltin u Għawdxin ħallewlna ħafna drawwiet sbieħ li minn xahar għall-ieħor inkunu nistennewhom fuq ix-

xwiek. L-Għid fih ħafna drawwiet tal-imgħoddi. Jekk qabel il-Milied l-omm jew ix-xebba tipprepara il-kejk jew il-pudina tal-Milied, qabel l-Għid wieħed jipprepara l-figolli. Dawn ikunu f'forom differenti – forom popolari bħal dik tal-mara jew ta' raġel, forma ta' ħaruf, serena, żiemel, papra jew għasfur. Fuq il-figolli jkun hemm ukoll il-bajda taċ-ċikkulata. Dawn il-figolli jittieklu nhar il-Għid. Ejja ħa tara x'festa jagħmlu t-tfal tar-Rabat wara l-quddiesa tal-ħdax ta' fil-għodu Ħadd il-Għid meta l-Arċipriet jagħtihom figolla kull wieħed! Anke jien ġie li messitni xi waħda! Is-subien dari kienu joħorġu l-vari ż-żgħar tal-Ġimgħa l-Kbira; is-sett kien ikun fih tmien vari u l-aktar popolari kienu l-vari tal-belt jew raħal fejn joqogħdu. Għax tgħid, intenni li din id-drawwa qed terġa' tieħu l-ħajja u llum nibtu ħafna dilettanti li jesebixxu dawn l-istatwi wara l-antiporta jew xi tieqa tad-dar. Fil-Victoria għandna wkoll l-'Għaqda Ħbieb tal-Ġimgħa l-Kbira' li matul dan iż-żmien tagħmel wirja nteressanti fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex fi Pjazza San Franġisk. Intant l-bniet ma jkollhom l-ebda sett ta' vari żgħar għax għalihom il-pupa kienet kollox.

F'Ħamis ix-Xirka u f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira jkun hemm atmosfera serja u sollenni. Il-Knisja tkun bil-vistu, il-bnadar mezz'asta. Ħafna cinemas, restoranti u 'night-spots' ikunu magħluqin. Iżda llum ġieli ssib xi tejatru miftuħ għax ikollu xi serata funebri, film jew xi reċta b'suġġett reliġjuż. Fir-Rabat fejn noqgħod jien, iż-żewġ parroċċi ewlenin jippreżentaw lejla b'marċi funebri. Il-qniepen imorru jorqdu waqt li l-insara jsumu. In-nisa jsumu iktar mill-irġiel u naf xi ftit li jieħdu biss ilma u xi ftit galletti. Ngħidu li n-nisa huma iktar devoti mis-sess maskil. L-unika ħaġa li kont tista' tieħu kienu l-karamelli tal-ħarrub.

Il-bidu prinċipali ta' din il-Ġimgħa Mqaddsa huwa wara nofs inhar f'Ħamis ix-Xirka. Fil-knejjes tagħna jkun hemm il-Ħasil tar-Riġlejn. Fi żmien l-Ordni l-Kavallieri kienu jagħmlu ċ-ċelebrazzjoni fis-Sala ewlenija tal-Palazz tal-Gran Mastru . Illum dan il-Palazz huwa magħruf bħala l-Palazz tal-President.

F'Ħamis ix-Xirka jkun hemm għall-Wiri f'diversi bliet u rħula l-Mejda tal-Appostli. Min jipprepara din il-Mejda! Wieħed isib l-irġiel iżda ġieli jkun hemm in-nisa wkoll. Dik li ssir fil-Qasam tas-Subien tal-Museum fin-Nadur fi triq Dun Gorg Preca ta' kull sena tiġbed folol kbar ta' nies. In-nisa għandhom xogħol kbir f'xi parroċċi biex jippreparaw is-Sepulkri, it-tifkira tal-qabar ta' Kristu. Id-disinn ikun tassew sabiħ, l-iktar dawn l-aħħar snin billi qabdu ħafna l-"flower arrangements". Ħafna familji u membri tal-każini jagħmlu l-Visti tas-Seba' Knejjes u llum tara ħafna nisa ma' dawn il-gruppi. Dari n-nisa kienu jagħmlu

l-Visti ma' tal-familja. Fil-Belt ewlenija ta' Malta wieħed jista' jżur seba' knejjes differenti u dan jista' jingħad ukoll għall-Belt Victoria. Wara l-Visti wieħed jista' jixtri l-ħobż bil-ġunġlien, ħobż magħmul apposta għal dawn il-festi.

Għall-ħabta tas-sitta f'ħafna bliet u rħula tibda ħierġa l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li kif għidna jkun fiha ħafna vari li juru xi parti mill-Passjoni ta' Kristu. Barra mill-vari jkun hemm nies mgħamda, fratelli u bil-ktajjen. Wara d-Duluri jkun hemm post għan-nisa ħafna minnhom mexjin ħafjin u lebsin l-iswed. Bejn vara u oħra jkun hemm xi rġiel li jilbsu ta' xi persunaġġ bibbliku bħal Appostli, suldati, eċċ. Ħafna minn dawk il-ħwejjeġ sbieħ u fini huma xogħol tal-id tal-mara. Ir-rakkmu fuq bandalori huwa wkoll xogħol l-id femminili. Is-sehem tal-mara f'din il-Purċissjoni huwa fil-banda jew f'xi kor.

Is-Sibt tal-Għid huwa jum solenni u ta' vistu. Iżda l-Ħadd hu Jum ta' ferħ. Il-figolli jew il-bajda taċ-ċikkulata tarahom kullimkien. Hawn min jagħti xi rigal. Kif għidna fil-bidu ta' dan il-feature, fl-imgħoddi kien isir it-tbaħħir u l-kap tal-familja kien jaħraq il-weraq żebbuġ u jġorrhom miegħu f'kull kamra tad-dar. B'hekk id-dar u l-familja tkun meħlusa mill-ispirti ħżiena u fuq kollox mill-għajn.

Il-mara tad-dar ikollha ħafna xogħol wara l-Jum tal-Għid billi jkun hemm it-Tberik tad-djar. Fl-imgħoddi wieħed kien jarma d-dar bil-purtieri ġodda u twapet. Ħafna min-nisa tal-lum għandhom l-ideja li d-dar trid tkun dejjem lesta u allura jkollhom ftit inqas xogħol minn min jarma d-dar għall-okkażjoni. Bla dubju t-tberik tad-djar u tal-familji huwa okkażjoni tajba biex il-familja tiltaqa' mal-Kappillan li rari jsib ħin jiġi jarana matul is-sena.

Kif għidna mmela l-mara għandha sehem kbir f'dawn il-festi tal-Għid sew fil-ħwejjeġ tal-Knisja kif ukoll fil-ħwejjeġ tal-ħelu u tad-dar. Iżda l-mara trid tifhem li jista' jkollha sehem akbar. Fil-purċissjoni tal-Għid fil-Mosta nsibu persunaġġi nisa bħal dawk tal-Madonna, Marija Maddalena, eċċ li huma mlibbsin bil-ħwejjeġ fuq stil Lhudi. Il-mara tista' tieħu sehem f'dawn il-purċissjonijiet u tkun parti mill-bord li jieħu ħsiebhom.

# Tifkiriet tal-Passjoni f'Milan

*Lorenzo Zahra*





*Il-musmar ta' Kristu mgħawweġ minn Kostantinu li jinsab fid-Duomo ta' Milan*

Sant Ambroġ li kien isqof ta' Milan kien zgur wieħed mill-aqwa ulied ta' l-Italja li ħallew isem kbir għall-ħidma tagħhom biex ixerrdu t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika. Il-Belt ta' Milan għadha sallum iżżomm ir-rit qadim Abroġjan fil-Katidral kbir u famuż mad-dinja għall-ġmiel ta' arti fl-irħam speċjalment fil-faċċata. F'dan id-*Duomo* hemm tabernaklu ta' rħam sabiħ li fih jinsab relikwarju rikk bil-wisq li fih hemm wieħed mill-imsiemer li bih kien imsallab Ġesù. Skont it-tradizzjoni dan il-musmar wasal Milan bis-saħħa ta San Ambroġ.

Dan il-qaddis kien ħabib kbir tal-Imperatur Teodozju. Meta dan miet fil-25 ta' Frar 395AD, Ambroġ għamel id-diskors fil-funeral ta' Teodozju u f'dan id-diskors semma kif Teodozju kien irnexxielu jakkwista dan il-musmar. Irrakkonta li kienet Sant Elena li sabet is-Salib ta' Kristu u kienet tat żewġt imsiemer lil binha Kostantinu. Wieħed minn dawn l-imsiemer Kostantinu għawwġu u waħħlu fix-xedd ta ras iż-żiemel tiegħu. Mingħandu dan il-musmar għadda għand ibnu Kostanzju li kien għamel lil Milan il-kapitali tal-imperu tiegħu.U l-musmar baqa' jintiret sakemm ingħata lil Teodozju u dan għaddih lil Sant Ambroġ fi tmiem ir-raba' seklu. Għall-bidu ir-relikwarju tal-musmar kien miżmum fi knisja qadima ddedikata lil Sant Ekla.Kważi elf sena wara ittieħed minn din il-knisja għad-Duomo li allura kien sar l-ikbar monument ta' Milan u għalhekk kien aktar xieraq li dan it-teżor għażiż jinżamm fih. F'din l-okkażjoni kienet saret festa kbira nhar l-20 ta' Marzu 1461 u nġarr mill-Arċisqof Carlo ta' Forli. Fil-



*It-tabernakli li fih jinżamm ir-relikwarju bil-musmar ta' Kristu, fid-Duomo ta' Milan*

knisja ta' Sant Ekla, hemm żewġ statwi kbar u sbieħ ta' Sant Elena u San Kostantinu li saru biex ifakkru lil dawn il-benefatturi tar-relikwarju insinji tal-Passjoni. Meta fl-1575 f'Milan kien hemm il-pesta, San Karlo Borromeo, li kien l-Isqof tal-belt, kien ħeġġeġ lill-poplu biex jitlob għall-ħelsien minn dik l-epidemija qalila permezz ta' dan it-teżor tal-Passjoni.

Ir-relikwarju li fih hemm il-musmar jinżamm f'tabernaklu fuq wara tal-apside tal-Katidral, kważi mas-saqaf, jiġifieri madwar erbgħin metru mill-art, hekk li diffiċli tarah l-aktar meta l-knisja tkun fid-dlam. Kull sena fit-13 ta' Settembru, ir-reliwkawrju jitniżżel mill-Arċisqof fl-ewwel vespri tal-festa tal-eżaltazzjoni tas-Salib u jiħalla għal ġimgħa sħiħa għall-venerazzjoni tal-fidili. L-eqdem dokument li jsemmi din iċ-ċerimonja jmu lura sal-1389, imma t-tradizzjoni torbotha ma żmien San Ambroġ. Qabel din iċ-ċerimonja kienet issir ukoll fil-festa l-oħra tas-Salib, jiġifieri meta titfakkar is-sejba tas-Salib li kienet meqjusa bħala l-aktar waħda importanti miż-żewġ fest tas-Salib.

Fid-Duomo ta' Milan minbarra l-musmar, hemm relikwarji oħrajn tal-Passjoni, fosthom erba' ponot ta' xewk mill-kuruna ta' Kristu, ostensorju ieħor li fih biċċa mill-kolonna tal-flaġellazzjoni u ieħor li fih farka mis-Salib ta' Kristu. U minbarra fid-Duomo, f'Milan hemm aktar relikwi tal-Passjoni. Fil-knisja ta' Sant Anton abbati, f'kapella apposta, mal-faċċata tal-artal hemm relikwarju tal-irħam forma ta' niċċa kbira b'farka oħra mis-Salib. Ta' Ġesu. U fi knisja oħra, dik ta' San Barnaba jinstab relikwarju bi biċċa mill-isponża li biha xarrbu xuftejn Ġesu bil-ħall.



*Pittura ta' Giovanni dall' Orto (1602) li turi lil San Karlo Borromeo iġorr ir-relikwa tal-musmar ta' Kristu fi żmien il-pesta.*

# Il-Via Crucis immexxija mill-Papa Franġisku

## *Nhar il-Ġimgħa l-Kbira 2016, Colosseum, Ruma*



*Philip Said*

Il-Via Crucis nhar il-Ġimgħa l-Kbira li ta' kull sena titmexxa mill-Qdusija Tiegħu il-Papa qrib il-Colosseum, Ruma, tiġbed eluf ta' nsara li jipparteċpaw, kif ukoll eluf ta' telespettatura madwar id-dinja. Il-meditazzjonijiet tal-2016 saru mill-Kardinal Gualtiero Bassetti ta' Perugia – Citta' delle Pieve. F'intervista mal-*Osservatore Romano*, il-Kardinal Bassetti jgħid li meta l-Papa għażlu biex jagħmel dawn il-meditazzjonijiet, hu qal lill-Papa kemm kien qiegħed isibha bi tqila li jidħol għal din il-biċċa xogħol. Għal din l-inċertezza, il-Papa wieġbu, "Ftakar li dak li se tagħmel mhuwiex għal wiċċi iżda bħala servizz lill-Knisja!"

F'dawn il-meditazzjonijiet, il-Kardinal Bassetti jirrifletti fuq kull stazzjon b'referenza għall-ġrajjiet kontemporanji. Il-kliem tal-Papa li "Alla hu reali u juri Lilu Nnifsu lill-bniedem illum" isiru l-motivazzjoni kollha li tmexxi l-meditazzjoni dwar ir-rabta bejn it-triq tas-salib u l-preżenza ta' Kristu jbati fil-bniedem tallum.

Waqt li jirrifletti fuq it-tbatijiet ta' Kristu, il-Kardinal Gualtiero iħeġġeġ lil dawk li se jieħdu sehem fil-vjaġġ tal-passjoni biex jirriflettu fuq id-dnub u t-tbatija umana fi żmienna. Il-meditazzjonijiet jirreferu għall-martri moderni tal-Fidi nisranija. Jagħmel referenza speċjali għas-sofferenzi tal-migranti u r-refuġjati li, waqt il-ħarba mill-faqar u l-persekuzzjoni, qegħdin jiffaċċjaw ir-riskji tal-mard u l-mewt propju fil-vjaġġ tagħhom għall-ħajja ġdida. Bla dubju isibha iebsa jikteb dwar il-vjolenza fuq it-tfal – vjolenza ġejja mill-iskjavitu' ta' xogħol sforzat jew minn abbuż mill-kbar. "Jien u nikteb fuq dan it-tip ta' vjolenza," jistqarr Gualtiero, "ħassejtni għandi f'idejja skalpell jaħdem fuq l-irħam aktar milli pinna tikteb fuq il-karta. Daqshekk hija iebsa nikteb fuq din it-tbatija."



Waqt il-qari u r-riflessjoni tiegħu bħala parti mir-riċerka bi tħejjija għall-kitba tat-*text*, il-Kardinal Bassetti jgħid li ħassu verament milqut mill-mod kif il-poter kien qiegħed jiġi użat u abbużat. Nieħdu siltiet minn dawn il-meditazzjonijiet bir-relevanza tagħhom għat-tbatijiet tal-bniedem tallum, dejjem skont ir-riflessjoni tal-awtur.



Fl-ewwel stazzjon hemm Ġesù wieqaf quddiem Pilatu. "Qiegħed waħdu quddiem il-poter tad-dinja, sottomess kompletament għall-ġustizzja umana." Pilatu u l-folla jgħaddu 'l Ġesù biex ikun imsallab. "Pilatu u l-folla huma n-nisa u l-irġiel tallum maħkuma minn sensazzjoni komuni: il-biżgħa – il-biżgħa li jitilfu s-sigurta' tagħhom, li jitilfu ġidhom u l-istess ħajjithom." Pilatu, għax għandu l-poter politiku, jista' jagħti jew jieħu l-ħajja skont kif jaqbel l-interessi tiegħu. U n-nies bl-approvazzjoni tagħha trewwaħ biex tappoġġja din is-setgħa.

Fil-meditazzjoni tiegħu għat-tielet stazzjon – "Ġesù jaqa' l-ewwel darba taħt is-salib" – l-awtur jistaqsi mistoqsijiet kritiċi li jagħmlu ħafna nies matul l-istorja tal-umanita'. "Fejn hu Alla? Hemm ħafna sitwazzjonijiet li jikkontradixxu l-imħabba t'Alla." Fejn hu Alla fil-kampijiet tal-mewt? Fejn hu Alla fil-minjieri u l-fabbriki tax-xogħol fejn hemm l-usfrattament ta' ħaddiema tfal? Fejn hu Alla fid-dgħajjes telgħin u neżlin mal-imwieġ tal-baħar Mediterran sa ma jiblagħhom u jidfinhom taħtu? Magħhom hemm mistoqsijiet oħra: fuq il-Kristjani maqtula b'mibegħda għall-Fidi, il-vittmi ta' kull għamla ta' persekuzzjoni, il-jasar ta' tfal sfruttati, abbużati jew abbandunati, u l-vittmi innoċenti tal-gwerer bla sens . . .? It-tweġiba siekta tal-Kardinal Bassetti hija talba għal "dawn is-sitwazzjonijiet ta' tbatija li jidhru assurdi". Mhemmx tweġiba oħra ħlief it-tweġiba li Alla jibqa' jħenn.

Fil-laqgħa ta' Ġesù ma' ommu Marija, hu u jimmedita r-raba' stazzjon, Bassetti jara l-qawwa tal-imħabba li tagħti l-ħajja. Fil-waqgħat ta' Ġesù li nimmeditaw fis-seba' u l-ħdax-il stazzjon rispettivament hemm it-talbiet għal tant bnedmin li jsibu ruħhom mixħuta wiċċhom mal-art taħt i-piż ta' tbatijiet tqal u insapportabbli: nisa abbużati b'kull xorta ta' vjolenza, l-orfni, dawk mingħajr xogħol, u familji mifruda u mifxula bla direzzjoni.



Fit-tlettax-il stazzjon – Ġesù imniżżel minn fuq is-Salib – il-Kardinal jixħet l-attenzjoni fuq Ġużeppi minn Arimathea li jitlob permess għad-difna ta'



*Ġesu mniżżel mis-salib, PP Rubens, 1612-14, Antwerp, Belgium*

Ġesù. "Fl-azzjoni ġeneruża tiegħu li jieħu 'l Ġesù meta dan kien għadu tellief, Ġużeppi ta' Arimathea juri "l-qawwa tal-Fidi – Fidi li ssir att ta' aċċettazzjoni, ġenerożita u imħabba, f'kelma waħda: Karita'."



Il-qofol ta' dawn il-meditazzjonijiet, jgħid il-Kardinal Bassetti, hu li "bis-sehem tagħna fit-talb u s-skiet fit-triq tat-tbatija inkunu qed infakkru u nġeddu t-tbatija ta' Kristu. B'hekk nistqarru t-twemmin tagħna jiġifieri, li għan-nisrani, li tqiegħed qalbek fil-Qalb ta' Kristu, Qalb li tbati iżda wkoll li tħenn, mhix azzjoni assurda." Ikompli li "meta nagħrfu u naċċettaw it-tbatija f'ħajjitna, inkunu qed nagħtu xhieda li Kristu hu preżenti, miexi magħna fil-vjaġġ tagħna mgħobbija bis-salib."

Il-Kardinal Ratzinger (aktar 'il quddiem Papa emeritu Benedittu 16) jiġbor il-ħsieb ta' dawn il-meditazzjonijiet meta jgħid li,

> "Dak li hu msallab jirrappreżenta lil Alla fuq it-tron tiegħu u jgħaqqadna miegħu fis-sagrifiċċju ta' Demmu li jfisser ħajtu. Alla jidhrilna u jridna nilħquH b'Dak li ġie mislub . . . Alla hu qrib tagħna, jistabilixxi l-mod kif jingħaqad magħna; hu preżenti għalina fit-tbatija, fl-agonija, fil-mewt tagħna."[1]

Fl-għeluq tal-Via Crucis, il-Papa Franġisku ikompli mal-istess tema billi jagħmel talba lis-Salib ta' Kristu. Inwasslu fi Lsienna din it-talba komposta u reċitata mill-Papa nnifsu:

**O Salib ta' Kristu**

O Salib ta' Kristu, simbolu ta' imħabba divina u ta' inġustizzja umana, ikona tal-iprem sagrifiċċju ta' imħabba u ta' għotja personali mingħajr limiti sal-grad tal-ġenn, strument ta' mewt u triq ta' qawmien, għelm ta' ubbidjenza u emblema ta' tradiment, patibolu ta' persekuzzjoni u standard ta' vittorja.

O Salib ta' Kristu, illum qegħdin inħarsu lejk merfugħ 'il fuq f'ħutna, irġiel u nisa, maqtula, maħruqa ħajjin, b'għonqhom imħanxar u bi rjushom maqtugħa bi xwabel imdemma ta' kefrija indeskrivibbli, qalb is-silenzju u l-indifferenza ta' nies ġifa u imbeżżgħa.

1 Benedittu XVI hawnhekk qiegħed jikkwota lil Hartmut Gese (1929- ) fi '*Ratzinger, Pilgrim Fellowship of Faith*'

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fl-anzjani abbandunati minn nieshom, fil-persuni b'disabilita' u fi tfal ibatu l-ġuħ u mwarrba minn soċjeta' egoista u ipokrita.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fil-baħar Mediterran u f'dak Eġew, ċimiterji ta' oqbra qatt imxebbgħa, rifless ta' soċjeta' indifferenti, ta' kuxjenzi insensittivi għal ħtijiethom kollettivi.

O Salib ta' Kristu, immaġni fidila tal-imħabba u l-ħniena, triq ta' qawmien u ħajja ġdida, illum narawk ukoll f'persuni onesti, nobbli f'għemilhom, medhijin fil-ġid għall-oħrajn mingħajr ma jfittxu t-tifħir jew l-ammirazzjoni għal imġibthom.



O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li jservu bil-fedelta' u l-umilta', li jdawlu bħal xemgħat mixgħula 'il ħajjitna fid-dlam fejn m'hemmx it-tama – xemgħat li jikkonsmaw, ħielsa mix-xkiel, sabiex idawlu 'l ħajjiet ta' min fostna jħossu l-inqas u imwarrab.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fil-ħarsa ħanina ta' rġiel u nisa ikkonsagrati – Samaritani tajba – li ħallew kollox warajhom biex, fis-skiet ta' għotja evanġelika, jinfaxxaw il-ġerħiet ta' min iġarrab il-faqar u l-inġustizzja.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li jħennu, huma li sabu fil-ħniena l-aqwa espressjoni ta' Fidi u ġustizzja.

O Salib ta' Kristu, li llum narawk ukoll f'tant irġiel u nisa madwarna li, minn jum għal jum, jgħixu l-Fidi tagħhom fil-ferħ u fl-osservanza filjali tal-kmandamenti tiegħek.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fis-sogħbiena u fl-ikkonvertiti li, mill-profondita' tal-miżerja ta' dnubiethom, għandhom il-ħila jgħajtu, "Mulej, Mulej, ftakar fija meta tkun f'saltnatek!"

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk imbierka fil-ħajja tal-qdusija li jgħaddu mil-lejl mudlam tad-dubji fil-Fidi bla ma qatt jitilfu Fik it-tama u mingħajr ma jippretendu li jifhmu s-silenzju misterjuż tiegħek.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fl-uċuħ ta' tfal, nisa, u nies oħra imbeżżgħa u



bla forza li jaħarbu mill-gwerer u l-vjolenza biex imbagħad ma jsibux ma' wiċċhom ħlief il-mewt u nies li, bħal Pilatu, jaħslu jdejhom minnhom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk mimlijin bil-għerf, iżda vojta mill-ispirtu, għorrief tal-mewt u mhux tal-ħajja, li flok ma jgħallmu l-ħniena u jippromwovu l-ħajja, jheddu bil-kastig u l-mewt, u jikkundannaw il-ġusti.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'ministri li ma baqgħux fidili għas-sejħa tagħhom, li flok ma jinżgħu mill-ambizzjonijiet fiergħa tagħhom, ineżżgħu 'l-innoċenti mid-dinjita' tagħhom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fil-qlub iebsa ta' dawk li jiġġudikaw 'l-oħrajn, qlub li dejjem lesti li jikkundannaw saħansitra sal-punt li jħaġġru 'l min jaqa' taħt il-kundanna tagħhom, bla qatt jintebħu bid-dnubiet u l-ħtijiet tagħhom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fl-espressjonijiet ta' fundamentaliżmu u f'attakki terroristiċi minn nies imxierka f'reliġjonijiet li jipprofanaw l-isem t'Alla u jużaw l-isem qaddis tiegħu biex jiġġustifikaw vjolenza ħarxa li qatt ma rajna bħalha.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li jixtiequ jwarrbuk minn postijiet pubbliċi u li jeskluduk mill-ħajja pubblika, f'isem il-lajċiżmu pagan jew f'isem dik l-istess ugwaljanza li għallimtna Int, iżda li huma jaqilbuha għall-konvenjenza tal-għanijiet inġusti tagħhom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li għandhom il-poter f'idejhom u f'min imexxi l-armi li jmantnu l-makkinarju tal-gwerra bid-demm innoċenti ta' ħutna rġiel u nisa u tfal.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fit-tradituri li, għal tletin biċċa tal-fidda ma jsibuhiex bi kbira li jibagħtu 'l xi ħadd għall-mewt.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fil-ħallelin u fl-uffiċjali korrotti li, flok ma jħarsu l-morali u l-ġid komuni, ibiegħu lilhom infushom fl-aktar transazzjonijiet mistkerrha fid-dinja tas-suq.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li fil-bluha tagħhom jibnu mħażen fejn jaħżnu teżori li maż-żmien jitmermru, waqt li jħallu 'l Lazzru jmut bil-ġuħ, fir-resħa, bil-għatx għall-ġustizzja, fuq l-għatba barra minn djarhom lussużi.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'tant familji li jgħixu l-vokazzjoni taż-żwieġ tagħhom fil-fedelta' u fl-għożża ta' wliedhom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll fil-voluntiera li b'tant ġenerożita' jgħinu nies fil-bżonn, magħkusa, bin-nuqqas tal-aktar ħtiġijiet f'ħajjithom.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk ħutna ippersegwitati minħabba l-Fidi tagħhom u li minkejja tbatijiethom, jissoktaw jagħtu xhieda awtentika ta' Ġesù Kristu u l-Evanġelju.

O Salib ta' Kristu, illum narawk ukoll f'dawk li joħolmu inizjattivi siewja, f'dawk ta' qalbhom safja u innoċenti bħal tat-tfal, f'dawk li jaħdmu għal dinja aħjar, aktar ġusta u umana.

Fik Salib ta' Kristu Mqaddes, nilmħu 'l Alla li jibqa' jħobb sal-aħħar, waqt li fl-istess ħin nilmħu l-mibegħda ta' min irid bilfors fuq l-oħrajn jaħkem, il-qilla tal-kefrija li ddallam il-moħħ u l-qalb ta' dawk li jfittxu d-dlam u l-mewt minflok id-dawl u l-ħajja.

O Salib ta' Kristu, Arka ta' Noe' li ħelset lill-umanita' mid-dilluvju tad-dnub, salvana mill-Ħażin, mill-Qarrieqi ippersonifikat, eħlisna mill-qerq u l-ħażen kollu li jiġi minnu.

O Tron ta' David u Siġill tal-Patt etern divin, qajjimna min-ngħas u l-bruda tagħna ħa nindunaw bil-ġibdiet fiergħa! O Sejħa ta' Mħabba, ixgħel fina ix-xrara tal-ħeġġa għal Alla, ispirana bix-xewqa mqanqla għat-tajjeb, għas-sabiħ, għal ġust, għad-dawl, għall-ħajja.



O Salib ta' Kristu, Skola ta' Ħniena u Ottimiżmu, għallimna li tlugħ ix-xemx huwa isħeħ mid-dlam tal-lejl. O Salib ta' Kristu, għallimna li r-rebħa tal-ħażen hi biss apparenza li tintefa' u tisfa f'xejn quddiem il-qabar vojt u ċ-ċertezza tar-Resurrezzjoni; naddfilna moħħna biex nifhmu li l-ħażin tal-qerda tal-ħajja li jħuf bħal iljun madwarna ma jista' qatt jirbaħ, joskura, idgħajjef jew jitfi l-Imħabba u l-Ħniena ta' Alla li ma jafux tmiem. **Ammen.**

# Il-Persunalitajiet li inawguraw il-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep AD 1851

1994 Dr. Ugo Mifsud Bonnici - President tar-Repubblika

1995 Mons. Sebastian Laboa - Nunzju Apostoliku

1996 Mons. Annetto Depasquale - Vigarju Ġenerali

1997 Dr. John Attard Montalto - Ministru tal-Industrija

1998 M. Patrick Amiot - Ambaxxatur Franċis

1999 Dun Karm Gatt - Direttur Spiritwali tal-Każin

2000 Is-Sur Anton Tabone - Speaker tal-Parlament

2001 L-Onor Dr. Tonio Borg - Ministru tal-Intern

2002 Mr. Michael Macy - Rappreżentant.tal-Ambaxxatur Amerikan

2003 *ma saritx ċerimonja tal-ftuħ minħabba l-elezzjoni ġenerali*

2004 M. Patrick Chrismant - Ambaxxatur Franċis

2005 Mons. Felix Blanco de Priete - Nunzju Apostoliku

2006 Mr Brian Bonnici - Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ

2007 Mrs Doreen Attard Montalto - Presidenta Onorarja tal-Każin

2008 Patri Luċjan Borg - Provinċjal tal-Agostinjani

2009 Mons Ġużeppi Mercieca - Isqof Emeritus ta' Malta

2010 Mons Karm Attard - eks-Kappillan tal-Qrendi

2011 L-Onor Dolores Cristina - Ministru tal-Edukazzjoni

2012 Mons Ġwann Azzopardi - Kuratur tal-Mużew Wignacourt

2013 Profs. Oliver Friġġieri - Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Universita

2014 Is-Sur Alfred Grixti - Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ

2015 Mons Aldo Cavalli - Nunzju Apostoliku

2016 L-Onor Dr Godfrey Farrugia – M.P. u President Onorarju